*Leħen is-Soċjetà Muzikali*

# San Lawrenz

*Belt Vittoriosa A.D. 1883*

**#MagħqudinFlimkien**

**Ħarġa Nru. 124**

**LULJU - AWWISSU 2021**

## Welcome to BeBirgu!

BeBirgu

BeBirgu is Birgu's newest place to be!
Situated in the completely renovated
SAN LAWRENZ Band Club at the Victory Square.

BeBirgu welcomes you every day of the year
for drinks and great food
served in a European Brasserie setting
with a nice lounge style open air patio.

BeBirgu, San Lawrenz Band Club
Victory Square, Birgu
Tel: 77220077 | E-mail: Ed@bebirgu.com

## Olde City Pub
*is the Best*

Restaurant, Take Away & Pizzeria

Prop. Michael Darmanin

99, St Lawrence Street, Vittoriosa
Tel: 21 663 614

## Fava Woodworks Co. Ltd.

KW 17B, Corradino Industrial Estate, Paola
Tel: 2182 7650

*Manufacturers of all types of Wooden Mouldings*

***Showrooms at the Factory and***
***80, St. Joseph High Road, Hamrun***

**SPECIAL PRICES FOR FURNISHED FLATS OWNERS**

## Unlimited Designs...
## ...Within Your Budget

### Traditional, Classic & Modern Frames

- Swept Frames
- Customised Mirrors
- Prints
- Paintings
- Photos
- Posters
- Canvas / Stretching
- Mount Cutting
- Certificates & Diplomas
- Local & Foreign Artists
- Museum Glass
- Contract Works Undertaken
- Professional & Efficient Service Guaranteed
- Interior Designers Are Welcome

Specialising in Made-To-Measure Framing

Opening Hours:
Monday To Friday From 7:00am Till 2:00pm
Saturdays By Appointment

www.gemelliframing.com

GEMELLI FRAMING

With Over 30 Years Experience

Contact Ray Or Marianne
On 21 412 124
Or 99 495 263
Email: tamanannl@gmail.com
1/G Fl Triq S-Parsoff, Mosta

Soċjetà Mużikali San Lawrenz
Belt Vittoriosa

# Il-Kelma tal-President

***Bjorn Callus***

Awwissu reġa' magħna, u hi x'inhi s-sitwazzjoni, Awwissu jfisser dejjem Missier il-Belt Vittoriosa, San Lawrenz. Ikun xi jkun l-ambjent li ngħixu fih, f'qalb kull Vittoriosan, l-10 t'Awwissu hu l-Jum speċjali, il-Jum li nħossu ferħ ġewwa fina li ma nħossux fi ġranet oħra. L-10 t'Awwissu hi l-identitaċ tagħna, tan-nies tal-Birgu, l-identitaċ tal-Birgu nnifsu. Għalhekk għalina l-Festa tfisser ħafna, għalhekk niċċelebraw bil-pompa kollha, għalhekk nattendu bi ħġarna fi knisja ippakkjata, għax l-10 t'Awwissu hi l-ġurnata li tgħaqqadna flimkien.

Imma fiċ-ċirkostanzi preżenti, mhux dejjem faċli li wieħed jesprimi dan il-ferħ, din l-identitaċ bil-mod li jixtieq u fl-istess ħin konformi mar-regolamenti maħruġa mill-Awtoritajiet. Għalhekk rridu nkunu kreattivi kif nistgħu nagħtu s-sinjal b'saħħtu li l-10 t'Awwissu hu jum differenti, jum speċjali. F'kelma waħda, rridu nagħmlu l-almu tagħna sabiex nagħmlu dak kollhu li hu possibli u raġonevoli sabiex niċċelebraw dal-jum għażiż għalina. Għaliex iva, l-10 t'Awwissu m'huwiex jum bħall-oħrajn.

Matul dan il-perjodu, xogħolna hu propju li naraw kif nistgħu niċċelebraw Festa oħra. Nassigurakom li dak kollu li hu possibbli li jsir, ser ikun qed isir. Dan jixhdu dak li sar propju waqt il-Mota tal-Ewwel Erbgħa, fejn daqqejna ftit marċi mill-faċċata tal-każin, inizjattiva li ntlaqgħet tajjeb ħafna kemm mill-Vittoriosani, imma anke mill-pubbliku inġenerali 'il barra mill-Birgu. Il-Festi interni din is-sena ser isiru kollha, u dan diġaċ hu pass kbir 'il quddiem, għaliex l-esperjenza tas-sena l-oħra ma kienet sabiħa xejn. Fil-fatt, personalment għinitni nirrealizza kemm il-fulkru tal-festa huma l-festi interni, bil-festi esterni jakkumpanjaw dawk interni. Għaldaqstant, l-appell tiegħi hu wieħed. Segwu l-paġni tal-Kumitati tal-Festa għall-avviżi li ser ikunu qed joħorġu fil-ġranet li ġejjin sabiex ssiru tafu dwar dak kollhu li ser ikun qed jiġri.

Bħas-sena l-oħra, is-Soċjetaċ Mużikali San Lawrenz baghtet appell għall-arbular lill-membri. Forsi jkun ħawn min jistaqsi imma għalfejn arbular tal-festa meta festa bħas-soltu mhux ser issir? Mistoqsija valida għall-aħħar, imma s-soċjetaċ tagħna tirrikorri għand il-membri b'wiċċha minn quddiem. Ir-raġuni għal dan hi waħda sempliċi; għaliex il-każin hu soċjetaċ ħajja b'ħidma li ma taqta' xejn, fil-qalba tal-Belt Vittoriosa. Il-każin hu r-ruħ soċjali tal-Birgu, ewlieni fil-pjazza, u m'għandix dubju li ser taqblu miegħi fuq dan għaliex il-pjazza ħadet il-ħajja mill-ġdid malftuħ tal-każin fis-6 ta' Ġunju li għadda.

Imma mhux biss, il-każin hu ħaj kemm bl-attendenza numerużа tal-membri u l-Vittoriosani, kif ukoll bix-xogħol u l-investiment li jsir fih. Iva ħbieb, l-arbular hu għajnuna sabiex inkomplu nseddqu l-ħidma kbira li qed issir, sabiex inkomplu nagħmlu l-proġetti u ninvestu fil-Palazz tagħna. Għaldaqstant, filwaqt li ninsab konvint li kulħadd qed japprezza x-xogħol li sar u li ser ikompli jsir, l-appell tagħna huwa wieħed ġenwin, biex tgħinuna nkomplu ninvestu fil-każin li hu tant għal qalbna.

Ma' dan inżid ukoll is-sehem lis-Soċjetaċ tagħna dejjem tat għall-festa tant għażiża għalina. U din is-sena mhux ser ikun b'inqas. Hawnhekk ma nistax ma nirreferix għas-Serata Mużiko-Letterarja fejn il-Banda tagħna, f'format ta' Orkestra, ser tkun qed ittella' Akkademja Mużikali nhar il-Ħadd l-1 t'Awwissu 2021 fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-pittura tal-Koppla fil-Knisja Kolleġġjata u Konventwali ta' San Lawrenz. Din qed tiġi organizzata flimkien mal-Arċipriet, il-Kapitlu u l-Kumitat Organizzattiv. Żgur li ser tkun lejla indimentikabbli għal kull Vittoriosana, għaliex ser naraw xewqa tinqata', li kienet ħasditilna l-Gwerra. Ta' dan grazzi mill-qalb lill-Arċipriet tal-Parroċċa, il-Kan. Karm Busuttil, tax-xogħol kbir li qed iwettaq, fejn tajjeb nghidu li l-pittura tal-Koppla hi biss waħda minn ħafna proġetti kbar li saru u li ser isiru b'risq it-tempju tagħna. Verament inħares 'il quddiem għal iktar ħidma fil-Parroċċa tagħna minn dan l-Arċipriet ħabrieki.

Nixtieq nagħlaq b'messaġġ pożittiv u ta' kuraġġ. Fix-xhur li għaddew, ktibt diversi drabi sabiex nagħmlu kuraġġ u ma naqtgħux qalbna. Jidher li fl-aħħar id-dawl jinsab fuq ix-xefaq biex noħorġu darba għal dejjem minn din il-pandemija. Forsi r-ritmu hu pass pass, bil-mod, imma l-ġurnata li nghidu ħriġna mill-pandemija għal kollox għad tasal ukoll. Għaldaqstant, nħeġġeġ lilkom qarrejja sabiex nkomplu nosservaw dak li jgħidulna l-awtoritajiet tas-saħħa u nieħdu ħsieb xulxin, anke fil-ġranet tal-Festa tant għażiża għalina. Il-Festa t-tajba lill Vittoriosani kollha u Viva San Lawrenz ta' qalbna.

## *Werrej*

Il-Kelma tal-President.....3
Mill-Pinna tas-Segretarju.....5
Id-Djaknu San Lawrenz.....6
Xogħol u Proġetti.....7/8
Kumitat 2021/22.....9
Il-Planċier tal-Banda.....10/11
Lejn il-100 sena
mix-xiri tal-Palazz….....…12/13
Tagħrif mill-kċina.....14
Claude Debussy.....15/16
Slaleb kull fejn thares.....16/18
Wiċċ imb'wiċċ ma'
Edmea Farrugia.....19/21
Akkademja Mużikali.....22

***Editur***
Simon Farrugia

***Riklami***
John Attard
Simon Farrugia
Lawrence V. Farrugia

**Proof Reading**
Bjorn Callus

***Ritratti***
Melvin Degiorgio
Noel Gauci
Lawrence Parascandolo
Elton J. Randich
Gabriel Treeby Coleiro
Andre Xuereb

**Ritratt Faċċata**

*Palazzo Huesca f'nhar is-7 t'Awwissu – il-ġurnata marbuta mal-Banda Vittoriosana San Lawrenz*

**Stampat**

BONNICI'S PRESS Est. 1924

36, Triq San Pawl, Valletta
Tel: 2122 4607 Mob: 9987 0603
E-mail: emibonnici@gmail.com

# PJAZZA REĠINA

## VALLETTA

*Everybody's Centrepiece*

DELICATA

*Family Winemaker*

*Since 1907*

WWW.DELICATA.COM

/DELICATA WINERY

# Mill-pinna tas-Segretarju

***minn Simon Farrugia***

Wasal għal darb'oħra x-xahar t'Awwissu, xahar li għal min hu mill-Birgu jfisser il-Festa ta' San Lawrenz. Għax dan ix-xahar huwa marbut mal-Festa tal-Missier Uniku tal-Vittoriosani, San Lawrenz. Bħalma l-Jum tal-10 t'Awwissu huwa Jum il-Martirju ta' dan il-kbir qaddis. U aħna kburin li dejjem niċċelebraw l-Festa tiegħu f'dan il-Jum. Dejjem u għal dejjem.

U hawn fejn hawn min jgħid imma x'niċċelebraw jekk ma' nistgħux nagħmlu l-Festa tradizzjonali kif nafuha minħabba l-pandemija. U żgur li niċċelebraw. Mela l-10 t'Awwissu, pandemija jew le, gwerra jew le u allahares qatt xi diżastru naturali ieħor jew le mhux xorta San Lawrenz jibqa. U huwa għalhekk li aħna bħala Soċjeta Mużikali bqajna għaddejjin matul is-sena kollha sabiex inwasslu l-vapur fil-port lest biex fl-ewwel ġranet t'Awwissu niċċellebraw kif nistgħu l-Festa tal-Patrun tal-Belt tagħna.

L-aktar avveniment importanti għal din is-sena ser ikun dak li ser isir nhar il-Ħadd 1 t'Awwissu. Meta nħares lura lejn tfuliti u wara li mbagħad bdejt nikber u għadda żmien dejjem kont inħoss li l-Knisja tagħna kienet nieqsa minn ċertu restawr li kien jixraq Knisja Monumentali bħal din. Dan minghajr ma' nnaqqas mill-mertu tal-mexxejja ta' din il-Parroċċa. Il-Monsinjur Galea li kellu jqajjem il-Knisja u l-Festa mid-diżastru tat-Tieni Gwerra Dinjija, lil Monsinjur Mifsud li kien l-aktar Arċipriet li dam fit-tmexxija fejn għamel ħafna proġetti, lil Monsinjur Raggio li taħt it-tmexxija tiegħu sar l-akbar Ċentinarju li qatt sar fil-Ġżejjer Maltin li kollha kienu ulied il-Belt Rebbieħa. Wara bdew ġejjin numru t'Arċiprieti minn barra l-Parroċċa li kollha bil-mod tagħhom ħadmu u ħallew impatt iżda ħafna drabi t-terminu tagħhom kien wieħed qasir ħafna. Biex f'dawn l-aħħar snin il-Parroċċa hija mmexxija mill-Kanonku Carmelo Busuttil.

U hawn fejn il-Knisja tagħna għamlet qabza kbira f'dawk li huma proġetti. Żgur li jien mhux il-persuna idonja li nidħol fid-dettal dwar x'sar imma l-għajnejn qegħdin hemm biex jaraw il-ħafna proġetti kbar li saru. U huwa għalhekk li nhar l-1 t'Awwissu huwa jum importanti għalina l-Vittoriosani. Għax dak li jiftakruh il-ftit li għadhom ħajjin u li għandhom fuq id-disgħin sena issa sejjer jarah mill-ġdid kulħadd. Iva dak in-nhar il-ħolma tagħna ser issir realta peress li ser tinkixef il-pittura tal-koppla. Kultant anqas nemmen li dan il-mument wasal. U kif jixraq aħna bħala l-Banda tal-Parroċċa ser inkunu qed intellgħu Akkademja Mużikali sabiex niċċelebraw dan il-mument storiku.

Iżda l-impenn tagħna għal din is-sena mhux ser jieqaf hemm. Fil-fatt nhar it-Tnejn 2 t'Awwissu ser inkunu qed nipparteċipaw bil-banda fil-quddies tan-Novena fl-okkażjoni ta' Jum l-Għaqdiet. Biex imbagħad fis-7 t'Awwissu ser inkunu qed intellgħu Programm Mużikali fil-Pjazza ewlenija b'differenza. Dan huwa l-Jum marbut mas-Soċjeta tagħna meta ta' kull sena ntellgħu l-Programm 'Vittoriosa in Festa' fuq wieħed mill-isbaħ planċiera li hawn f'Malta. Din is-sena mhux ser jintrama l-planċier u s-'set up' ser ikun differenti. Imma xorta waħda nemmnu li ser inkomplu ngħollu isem dan il-Jum. Fil-fatt waqt din il-lejla ser inkunu qed ninawguraw Proġett kbir fil-Każin. Kienu ħafna li staqsewni imma x'inhi l-okkażjoni li ħa tinawguraw proġett ta' din id-dimensjoni. Ir-risposta tieghi dejjem kienet l-Festa ta' San Lawrenz għax aħna kull Festa hija speċjali, sena wara sena.

Ovvjament ikun hemm imbagħad l-Anniversarji li trid tiċċelebrahom bi ftit aktar pompa. Kif fil-fatt ser nagħmlu s-sena d-dieħla meta ser ikollna l-anniversarju tal-mitt sena mix-xiri tal-isbaħ Palazz fil-Belt tagħna u fis-sena 2023 meta nfakkru l-140 sena mit-twaqqif tal-Ewwel Banda fil-Belt tagħna.

Minbarra dawn il-ġranet li semmejt aktar qabel hemm ġranet oħra ta' ċelebrazzjoni biċ-ċentru tal-Festa jkun Palazzo Huesca. Tajjeb li ngħid li dan huwa l-ħsieb tagħna konformi mar-regolamenti tal-Ministeru tas-Saħħa. Jekk jinbidel xi ħaġa nkunu kostretti li nbiddlu wkoll. Imma dejjem nittamaw fil-pożittiv biex jekk Alla jrid fiċ-ċirkostanzi niċċelebraw l-Festa ta' San Lawrenz kif jixraq.

Il-Festa t-Tajba lill-Vittoriosani kollha

# Id-Djaknu San Lawrenz
# Imma xi tfisser tkun Djaknu?

***Minn Patri Martin Mamo OFMCap.***

Id-Djakonat minnu nnifsu huwa vokazzjoni. Mhux tarġa qabel il-quddies, għalkemm qabel l-Ordinazzjoni Saċerdotali il-kandidat, irid jiġi ordnat djaknu. Id-djakonat mhux fakultaċ biex wieħed ikun jista' jippriedka jew iżżewweġ, għalkemm parti mix-xogħol ta' djaknu huwa li jippriedka u li jżewweġ. Imma li tkun djaknu hija vokazzjoni uffiċċjali li taqdi. Il-qadi irid ikun fis-skiet, bla daqq ta' trombi, u mhux bil-fratarija u l-pompi biex wieħed juri li qed jaqdi. Qadi bil-moħbi quddiem Alla għandu aktar valur. San Ġorġ Preca sejjaħlu 'Intenzjoni Retta'. Għalkemm id-djaknu għandu parti importanti ħafna fil-liturġija speċjalment fil-quddies mal-isqof.

Il-kelma Griega għal djaknu hija 'diakonos' li nsibuha 29 darba fil-Ġdid Testment. Litteralment il-kelma djaknu tfisser 'dak li jservi f'nofs (dia) l-imwejjed' (ara Mt22:13 u Ġw2:5-9). Kristu (Kyrios) nnifsu hu msejjaħ diakonos f'Rum 15:8 u Gal 2:17. L-aktar mument li Ġesuċ wriena kif għandu jkun id-djaknu huwa fl-Aħħar Ċena meta;

"Qam minn fuq il-mejda, neħħa l-mantar minn fuqu, ħa fardal u rabtu ma' qaddu. Imbagħad ferra l-ilma fil-lembija, u beda jaħsel saqajn id-dixxipli u jixxutahomlhom bil-fardal li kellu ma' qaddu (...) Wara li ħaslilhom saqajhom, libes il-mantar u reġa qagħad fuq il-mejda". Ġw13:4-5.12 L-Evanġelista ma jgħidilniex li Ġesuċ reġa' neħħa l-fardal. Ġesuċ baqa' jaqdi sas-salib.

Is-sejħa għad-djakonat insibuha rrakkontata b'mod ċar fil-ktieb tal-Atti tal-Appostli miktub minn San Luqa, fejn naraw il-għażla tas-seba' djakni, fosthom lil San Stiefnu, li ta xhieda tad-djakonija tiegħu bl-iktar mod perfett permezz tal-martirju: "...u ħatru 'l Stiefnu, raġel mimli bil-fidi u bl-Ispirtu s-Santu, u 'l Filippu u 'l Prokoru u 'l Nikanor u 'l Timon u 'l Parmenas u 'l Nikolas, proselitu minn Antijokja; qiegħduhom quddiem l-appostli u dawn talbu u qiegħdu idejhom fuqhom."(Atti 6 :5-6). Dawn id-djakni ġew maħturin mill-appostli mmexxija mill-Ispirtu s-Santu, sabiex jgħinuhom fil-ħafna xogħol tagħhom qalb l-ewwel komunitajiet insara. Bħala ministeru żgur li kellhom l-organizzazzjoni tal-agape fil-liturġija u l-ministeru tal-karitaċ tal-isqof.

Fi żmien San Pawl kien hemm diversi kollaboraturi sabiex flimkien mal-appostli jaħdmu biex jixxandar il-Vanġelu ġdid ta' Kristu lill-ġnus kollha, li fosthom insibu d-'Diakonoi' li bħala djakni kellhom diversi ħidmiet. Dawn il-ministri fil-knisja kienu dejjem jinħatru bl-approvazzjoni ta'ministri oħrajn wara li kien ikun aċċertat li kienu kandidati maturi u mistħoqqa. Fl-ewwel żminijiet, id-djakni kienu jqassmu l-Ewkaristija lill-ġemgħa liturġika u lill-morda, kienu janimaw it-talb waqt l-Ewkaristija u kienu wkoll jieħdu ħsieb l-amministrazzjoni tal-flus u l-ġid tal-knisja. Infatti, minħabba l-ħidma tagħhom fil-knisja bħala kollaboraturi tal-isfqijiet, id-djakni għall-ewwel kellhom importanza kbira saħansitra iktar mill-presbiteri (dawk li kienu saċerdoti); iżda mbagħad wara, l-presbiteri bdew jieħdu iktar tmexxija f'idejhom.

Ħafna kienu dawk id-djakni fl-ewwel żminijiet tal-knisja li ħadu l-martirju. Wieħed minn dawn id-djakni huwa l-qaddis tagħna San Lawrenz (Laurentius, Christi Martyr), l-ogħla wieħed mis-seba' djakni ta' Ruma li kellu l-Papa Sistu II u li kien iwettaq id-djakonija qalb l-foqra ta' Ruma, it-teżori tal-knisja. Huwa twieled fi Spanja fis-sena 226 u ħa l-martirju fl-10 t'Awwissu tas-sena 258 fil-persekuzzjoni ta' Valerjanu, u ġie midfun fiċ-ċimiterju ta' Ciriaca fil-Verano ġewwa Ruma. Is-Sinodu ta' Arles fi Franza fis-sena 314 stabilixxa d-differenza bejn id-djakni u l-presbiteri fejn dawn tal-aħħar jikkonsagraw l-Ewkaristija.

**Kif issir l-Ordinazzjoni tad-djakonat?**

L-ewwel issir il-petizzjoni lill-isqof minn dak li jkun inkarigat mill-formazzjoni tal-kandidat għad-djakonat; imbagħad issir l-omelija mill-isqof u wara l-interrogatorju. Dak li se jkun ordnat djaknu jagħmel wegħda importanti ta' ubbidjenza lill-isqof jew lejn is-superjur ordinarju tiegħu, u wara titkanta l-litanija tal-qaddisin. Il-mument l-aktar solenni huwa t-tqeghid tal-idejn mill-isqof waħdu fis-skiet u t-talba Konsagratorja. Wara, id-djaknu l-ġdid jilbes l-istola u d-dalmatika. Wara l-isqof jagħtih l-Evanġelju u l-bewsa tal-paċi. It-talba konsagratorja għad-djakonat turi l-funzjoni liturġika li għandu d-djaknu u r-rabta tiegħu mal-liturġija tal-knisja. Turi wkoll servizz għall-karitaċ li għandu jkollu d-djaknu. Id-dalmatika tad-djaknu (jew tuniċella) hija l-libsa propja li fil-bidu kienu jilbsuha s-seba' djakni biss. Oriġinarjament din kienet tintlibes mill-Imperaturi Rumani u l-Papa San Ewtikju (275-283) kien ordna biex il-fdalijiet tal-martri jitgħattew biha.

L-istola jew 'horarium', insibuha għall-ewwel darba fis-seklu VI fil-knisja Spanjola. Id-djaknu jilbes l-istola tiegħu fuq l-ispalla u tintlibes b'mod differenti minn tas-saċerdot kif insibu fil-Konċilju ta' Toledo fis-seklu VII. Tintlibes fuq l-ispalla x-xellugija ħalli n-naħa tal-lemin jibqa' liberu, simbolu sabiex b'hekk ikun jista' bla xkiel iwettaq il-qadi tiegħu.

L-ordni tad-Djakonat hu l-ewwel grad tas-sagrament tal-Ordni Sagri. Il-Papa Piju XII fis-'Sacramentum Ordinis' tal-1947 jgħid li s-sagrament tal-Ordni Sagri għandu tliet gradi; id-djakonat, il-presbiterat u l-episkopat. Hija l-konsagrazzjoni Episkopali tal-isqof li hi l-milja tas-sagrament tal-Ordni Sagri għalhekk id-djakni u s-saċerdoti għandhom ikunu dejjem f'għaqda mal-isqof. Għalhekk id-djaknu jwettaq id-djakonija tiegħu billi jqieghed lilu nnifsu għas-servizz u għall-qadi tal-knisja. Huwa jħabbar u jxandar il-kelma t'Alla fil-Vanġelu u jfisser din l-istess kelma t'Alla u jwassal l-Ewkaristija lill-morda. Fuq kollox id-djaknu kif aċċennajt aktar 'il fuq, minbarra li jgħammed, jista' wkoll jassisti għas-sagrament taż-żwieġ. Għalhekk id-djakonija hija marbuta mal-liturġija u mal-karitaċ. Din hija l-missjoni tad-djaknu fil-knisja.

**Min huma d-djakni Permanenti?**

Huma dawk id-djakni li jibqgħu djakni għal dejjem minghajr ma jiġu ordnati saċerdoti. Hekk kien San Lawrenz u San Stiefnu u anki San Franġisk t'Assisi. Tajjeb li ngħidu li l-djakni permanenti kienu ispirati uffiċjalment mill-Konċilju Vatikan II. Fil-fatt kien ġie istitwit mill-Papa Qaddis Pawlu VI fl-1972,wara li kienu bdew il-proċessi fl-1967. F'ħafna djoċesijiet fid-dinja fejn hemm nuqqas ta' saċerdoti, filwaqt li d-djakni permanenti (li ħafna huma irġiel bil-familja), qegħdin iwettqu xogħol pastorali importanti u qegħdin ikunu t'għajnuna għall-presbiteri u għall-isqfijiet. L-akbar numru ta' djakni permanenti jinsabu fl-iStati Uniti. Min jaf fil-futur jekk ir-realtaċ tad-djakni permanenti tkunx qed tagħti s-sehem tagħha hawn Malta wkoll?

Il-festa t-Tajba u Kunu Mberkin.

# Xogħol u Proġetti

***minn Simon Farrugia***

Is-sena li għaddiet għalina tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz kienet waħda impenjattiva, nazzarda ngħid aktar minn qatt qabel. Konna iffaċċjati minn sitwazzjoni li wara l-Festa li għaddiet għamilna seba' xhur bil-bibien magħluqin. Weġgħa ta' qalb li iżda minn sfida biddilniha f'opportunitaċ. Illum aktar minn qatt qabel inħossni kburi kemm il-membri tal-Kumitat għandhom għal qalbhom is-Soċjetà Mużikali San Lawrenz. Dawn flok ingħalqu fihom infushom u qagħdu jibku xortihom b'dak li konna għaddejjin minnu, raw kif il-programm ta' xogħol li kien ippjanat isir. Mhux talli sar dak li ppjanajna iżda sar ħafna aktar minn hekk.

Forsi l-akbar biċċa xogħol li saret hija l-preparazzjoni għall-proġett tal-lift. Dan ix-xogħol sar taħt is-supervizzjoni tal-Kaxxier Lawrence Farrugia bl-assistenza ta' Noel Gauci u John Attard. Fil-fatt wara li nkisbu fondi mill-Fondazzjoni Kottonera sabiex isir lift, liema fondi jkopru madwar ħamsin fil-mija tal-ispiża totali, bdew il-pjanijiet sabiex naraw kif ħa nkunu qed naħdmu dan il-proġett. Tajjeb ngħidu li biex ikun jista' jsir il-pitt kellu jiġi devjat id-drenaġġ u b'hekk dan sar kollu ġdid. B'hekk inqalgħet il-bitħa kollha biex seta' jsir dan ix-xogħol.

Issa jmiss it-tieni pass li jinvolvi xogħol strutturali wara li joħrog il-permess tal-PA. Bħala kumitat iffirmajna l-kuntratt ma' Apex Ltd. li rebħu d-dritt li jagħmlu dan il-lift. Ix-xogħol hu miftiehem li jibda fil-bidu ta' Frar u jispiċċa mhux aktar tard min-nofs ix-xahar ta' Marzu. Waqt li beda jsir dan ix-xogħol inżilna wkoll fil-bjar li hemm taħt il-każin fejn dawn tbattlu mill-ilma li kien fihom u issa konxji eżatt x'hemm taħt Palazzo Huesca fejn huwa ppjanat li fil-futur induru tnejn mill-ħames bjar illi hemm.

Il-kumitat tal-każin ħass il-bżonn li jsir xogħol estensiv ta' konservazzjoni fuq il-bejt prinċipali ta' Palazzo Huesca. Apparti milli ħadna ħsieb li s-soqfa jkun protetti, l-art tal-bejt ġiet issa tali li jista' jintuża f'okkażjonijiet varji. Il-proċess kien wieħed elaborat ħafna fejn sar il-brix, tikħil u mbgħad liquid membrane flimkien max-xibka. Flimkien ma' dan, Lawrence Farrugia ħa ħsieb li jagħmel sistema ta' dawl ġdid fuq il-bejt. Dan wassal għall-prodott finali li għandna llum u li huwa tal-ogħla kwalitaċ.

Kemm ix-xogħol tal-bitħa kif ukoll dak tal-bejt sar mill-kuntrattur Tonio Micallef, filwaqt li l-kisi tal-ħajt sar minn Noel Gauci, Lawrence Farrugia u John Attard.

Fil-loġġa ta' qabel is-Sala tal-Presidenti sar xogħol ta' dawl minn Lawrence V. Farrugia u John Raggio filwaqt li l-Proġett li kellu jiġi inawgurat is-sena li għaddiet, issa huwa f'postu u lest biex jekk l-affarijiet jippermettu dan ikun inawgurat nhar is-Sibt 7 t'Awwissu.

Saret manutenzjoni u nżebgħu numru ta' bibien mis-Sur Noel Gauci, fost dawn il-Bieb tal-bejt tal-loġġa, bieb tas-Sala tal-Kunċerti, il-bibien tal-persjana u tal-bar u oħrajn. Sar ukoll l-irtokk tal-intrata ta' Palazzo Huesca kif ukoll sar l-o għorik tal-irħam tal-istess intrata kif ukoll tal-Persjana.

Fuq inizjattiva tal-Viċi President u bil-għajnuna ta' John Attard tranġa wkoll il-Presepju li hemm fl-intrata nkluż id-dawl tiegħu biex issa dan huwa aktar organizzat u t'attrazzjoni.

Il-Kumitat iddeċieda li jibda x-xogħol fuq iż-żebgħa tal-aperturi tal-faċċata. Fil-fatt l-ewwel parti tal-proġett li saret matul ix-xhur li l-każin kien magħluq involviet iż-żebgħa tal-gallerija kif ukoll il-ħruq u ż-żebgħa mill-ġdid tal-bieb ta' barra b'dan tal-aħħar isir mis-Sur Charles Debattista. Ix-xogħol fuq l-aperturi għandu jitkompla wara l-Festa.

Matul is-sena li għaddiet sar restawr estensiv fuq iż-żewġ linef kbar li hemm fis-Sala ewlenija u fil-loġġa ta' qabel l-istess Sala. Dan ix-xogħol sar kollu b'mod volontarju mis-Sur Giovann Raggio.

Biex ikompli jissebbaħ il-Palazz twaħħlu numru ta' ritratti fit-taraġ prinċipali fuq żewġ sulari. Minbarra dan ġew organizzati wkoll ir-ritratt tal-kumitat passati fejn dawn inġabru f'żewġ frames kbar u twaħħlu fil-kamra tal-Kumitat. Fis-Sala tal-Arkivju ż-żgħir, grazzi għall-familja Galea, twaħħal ritratt tas-Surmast Lorenzo Galea fejn dan tpoġġa

*Il-Bandalora tal-Alleati li ġiet inawgurata wara r-restawr fl-10 t'Awwissu, 2020*

fuq in-naħa l-oħra tar-ritratt tas-Surmast Giuseppe Frendo. Dawk iż-żewġ kompożituri minkejja li qatt ma kienu Surmastrijiet tal-Banda, għandhom rabtiet kbar mal-Birgu peress li kkomponew l-Innu Popolari lil San Lawrenz u l-Innu Marċ rispettivament.

Għal waħda mill-vetrini li tinsab fis-Sala tal-Kunċerti u li fiha hemm aktar mużika nxtraw box files ħomor biex jikkumplimentaw ma' dawk li diġa hemm.

Waħda mill-iskemi li bbenefikajna minnhom kienet dik tal-pannelli fejn wara sejħa li saret mir-REWS għall-għaqdiet volontarji, beda x-xogħol u finalment għamilna numru ta' pannelli fuq il-bejt tal-istore. Dan ser ikun qed jgħin aktar lis-Soċjetà sabiex tiffranka l-flus mill-ħlasijiet tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma.

Fuq l-istess bejt twaħħal it-tielet arblu fuq il-każin fejn dan ser ikun qed jitla' għaż-żminijiet tal-festi bħalma huwa l-każ tal-arblu li hemm fuq it-Turretta.

*Il-pannelli fuq wieħed mill-bjut tal-każin*

*Il-bitħa tal-każin maqlugħa waqt ix-xogħol preparatorju li sar minħabba l-proġett tal-lift*

Twaħħal dawl apposta mal-vetrina tal-bandalora artistika filwaqt li sar irranġar u restawr tal-vetrini li hemm fis-Sala tal-Arkivju ż-żgħir kif ukoll fit-taraġ ta' wara.

Sar xogħol ukoll ta' estenzjoni tas-servizz tal-ilma fuq il-bjut kollha, kif ukoll twaħħlu żewġ linef fil-kurutturi ta' quddiem il-Bandalora tal-Alleati u f'dak lejn is-Sala tal-Kunċerti, wara li dawn ġew restawrati minn Giovann Raggio.

Qed isir ukoll xogħol biex jinbidel numru ta' madum antik li hu miksur fil-każin, bl-ewwel intervent ikun fil-loġġa ta' fuq qabel tidħol għas-Sala tal-Presidenti.

Matul din is-sena sar ħafna xogħol fuq il-bnadar tal-każin u saru oħrajn ġodda wkoll. Fil-fatt ġew restawrati il-bandiera Maltija ta' nhar ta' Ħadd, il-bandiera tad-Duka l-antika u l-bandiera tas-Soċjetaċ tal-1983. Barra minn hekk, il-bandiera ż-żgħira tas-Soċjetaċ, dik li hi magħrufa ta' Mifsud Garage, ġiet trasportata mill-ġdid fuq drapp aħmar ġdid u b'hekk llum il-bandiera hi prattikament ġdida. Barra minn hekk, saru żewġ bnadar ġodda ta' daqs medju li huma waħda Maltija u tar-Reliġjon, fil-waqt li saret ukoll bandiera ġdida ta' daqs ieħor medju bl-arma tal-Banda H.R.H. Duke of Edinburgh's Own Band. Ix-xogħol tal-ħjata sar minn Doris u Toni Callus, filwaqt li d-disinn u sfumar tal-bandiera tad-Duka sar minn Albert Borda.

Hekk kif il-Bar u r-Restaurant tal-Każin kienu magħluqin, id-Diretturi ta' BeBirgu talbu lill-Kumitat sabiex jinvestu f'Pizzeria, bil-għan li joffru għażla oħra lill-membri u viżitaturi f'dan ir-restaurant popolari. Mal-ftuħ mill-ġdid tal-każini fis-6 ta' Ġunju BeBirgu beda jservi l-Pizza li kulħadd faħħar l-prodott finali tagħha. Dan ser jagħti dimensjoni oħra lill-faċilitajiet kummerċjali tas-Soċjetà tagħna.

Kif tistgħu taraw ix-xogħol li sar huwa wieħed kbir. Ma kienx faċli biex wasalna iżda b'direzzjoni, ftehim u għaqda bejnietna llum qed naraw li Palazzo Huesca kompla jissebbaħ. M'aħniex ser nieqfu hawn. F'moħħna għandna ħafna proġetti li jekk Alla jrid inkunu qegħdin naħdmu fuqhom fix-xhur u s-snin li ġejjin.

# KUMITAT TAS-SOĊJETÀ MUŻIKALI BANDA VITTORIOSANA SAN LAWRENZ GĦAS-SNIN 2021 - 2022

| | |
|---|---|
| Presidenti Onorarji | L-Eċċ. Tiegħu Dott Ugo Mifsud Bonnici |
| | L-Eċċ. Tiegħu Fra John Edward Critien |
| | Is-Sur Lawrence V. Farrugia |
| | Is-Sur Joseph Scicluna |
| | Is-Sur Tony Cassar |
| | Is-Sur Lorenzo Zahra |
| | Is-Sur Conrad Baldacchino |
| Membri Onorarji | Is-Sur Ivan Scicluna |
| | Is-Sur Ed Schoebben |
| | Is-Sur Geert Sciot |
| Kappilllan Onorarju | Mons. Paul Raggio |
| Kappillan | Wisq Rev. Kan. Arċipriet Carmelo Busuttil |
| President | Is-Sur Bjorn Callus |
| Viċi President | Is-Sur Noel Gauci |
| Segretarju | Is-Sur Simon Farrugia |
| Kaxxier | Is-Sur Lawrence Farrugia |
| Assistent Segretarju | Is-Sur Adrian Vella |
| Delegat tal-Banda | Is-Sur Paul Bongailas |
| Arkivista | Is-Sur Christopher Pisani |
| Deputat | Is-Sur John Attard |
| Rappreżentanti tal-Membri | Is-Sur Eugenio Pellicano |
| | Is-Sur Luke Ciantar |
| | Is-Sur Josmar Mifsud |
| Kuratur | Is-Sur Noel Gauci |
| P.R.O. | Is-Sur Adrian Vella |
| Rappreżentanti | Is-Sur Bjorn Callus |
| fl-Għaqda Każini tal-Banda | Is-Sur Simon Farrugia |
| Direttur tal-Logħob | Is-Sur Lawrence Gonzi |
| Surmast Direttur | Mro. Jonathan Abela A. Mus. LCM |
| Assistent Surmast | Mro. Francois Borg |
| Għalliema | Is-Sinjura Roberta Mercieca |
| Konsulent tal-Banda | Is-Sur Bjorn Callus |
| Awdituri | Is-Sur Charles Pace |
| | Is-Sur Lawrence Gonzi |

# Il-Planċier tal-Banda

***It-tielet parti***

***minn Lawrence V. Farrugia - President Onorarju***

Għalkemm sal-Festa 2005 ma tantx deher xogħol ġdid, minn wara l-kwinti kien qed isir ħafna xogħol preparattiv u kuntatti importanti. Bħal ma' kien isir ta' kull sena, immedjatment wara l-Festa 2005 saret laqgħa tal-Kummissjoni fejn ġie elenkat x-xogħol li kien fadal isir mid-disinjatur u l-mastrudaxxa, fejn fost l-oħrajn kien hemm il-mudelli tal-bronż, ir-rużuni, li jissikkaw il-kolonni, skultura li kien fadal tal-panewijiet u pilastri u l-gastri, li minnhom jitpoġġew il-pilandri.

Il-membri tal-kummissjoni bdew jaħdmu fuq żebgħa tal-leġijiet u kolonni u kaxxi fejn jintrefgħu biex ma ssirilhomx ħsara u jtellgħu żebgħa tax-xogħol li jkun lest. Fi Frar 2006, il-president għal darb'oħra mar Lazio għand id-Domus Dei, bil-mudelli tax-xogħol li kien fadal isir. Kien hemm qbil li dan isir għal ħlas ta' €7000 u li jitlestew sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju. Ġie diskuss ukoll id-disinn tal-pilandri, li meta raw ix-xogħol li kien fihom, ma riedux jagħtu stima qabel ikollhom il-mudelli. Imma taw indikazzjoni ta' €6,000-il wieħed u li minnhom riedu jsiru tnax. Ittieħdet l-okkażjoni li kif kien Ruma, l-President baqa' sejjer Carrara, fejn ġiet ordnata l-istatwa tal-irħam li hemm fl-intrata tal-Każin u li tħallset mis-Sur Ġużi Scicluna. Il-proposta tal-pilandri ġiet diskussa fil-Kummissjoni, fejn ma kienx hemm qbil. Saret laqgħa mad-disinjatur u sar qbil li jsiru tal-ferro battuto. Ix-xogħol ingħata lid-ditta Aquilina ta' Ħal Qormi u sar qbil għal prezz ta' Lm475 u li sal-festa jlesti l-ewwel tnejn. Għalhekk fil-Festa 2006, il-planċier kellu l-faċċata kompluta bil-pittura imma mingħajr żebgħa u skultura, railing kollu komplut u żewg pilandri.

Waqt l-armar tal-planċier kienu nnotati diskrepanzi bejn il-panewijiet u l-pilastri, kif ukoll fil-faċċata. Saru arranġamenti mal-Arċipriet biex il-planċier jiġi armat fis-sala parrokjali, bid-diżlivelli li hemm ġewwa pjazza. Inxtraw numru ta' bricks tal-concrete biex jitpoġġew taħt il-jacks. Sacco lestew dan ix-xogħol sal-aħħar ta' Novembru, ġie żarmat u merfugħ f'postijiet differenti għaliex sa dak iż-żmien kien għadu ma nstabx post addattat fejn jintrefa'. Sar ukoll ftehim biex ikompli jsir użu mill-gallarija tas-sala parrokjali biex jitkompla xogħol ta' xkatlar u tliet passati żebgħa fuq panewjiet, pilastri, faċċata, gastri u l-mijiet ta' biċċiet skultura, bil-lest biex jingħataw l-aħħar passata u l-induratura. Dan ix-xogħol tefa' piż kbir fuq l-uffiċjali u l-membri tal-Kummissjoni li kienu jqattu' nofs ta' nhari sħaħ jaħdmu peress li kellhom ukoll xogħol ieħor li ried isir fil-Każin.

Meta ġejna għall-aħħar passata taż-żebgħa, inqala' diżgwit minn individwi li riedu li l-planċier jiġi rħamat pariġġ it-trufej li kienu qed isiru fil-pjazza. Mill-bidu ta' dan il-proġett, id-disinjatur kien wera' x-xewqa li l-planċier jinżebaħ fuq l-istess skala tal-arkivju mużikali li hemm fil-Każin. Andrew Bugeja ġie mitlub li jagħmel kampjun u wara saret laqgħa ma' Salvu Buġeja, fejn sar qbil minn dawk preżenti li jinżebaħ bħall-arkivju. Immedjatment saret laqgħa bejn il-President u Andrew Bugeja fejn ġie nnegozjat ftehim ta' Lm2,600 għax-xogħol taż-żebgħa, inkluż il-materjal u Lm900 għall-induratura fejn il-Każin kellu jipprovdi l-kotba tad-deheb. Ġużi Scicluna ħa ħsieb jagħmel il-kuntatti ma' barra u l-materjal kien għandna f'qasir żmien. Saret skrittura privata fejn ġie stipulat li dan ix-xogħol tal-panewijiet il-kbar u l-pilastri jkunu lesti sal-1 ta' Lulju 2007.

Ix-xogħol kellu jsir fil-ħanut li Andrew kellu viċin ix-Xgħajra ta' Ħaż-Żabbar, fejn kellu jinġarr ix-xogħol. Meta beda jidher il-ġmiel ta' dan ix-xogħol, sar qbil li għandhom isiru covers għal kull biċċa li kien hemm biex tiġi evitata ħsara waqt il-ġarr u l-armar u anke meta jkun merfugħ. Ġiet avviċinata l-mara tal-President u qablet li tħejthom. Inxtara d-drapp u saru aktar minn 120 cover. Fil-festa 2007, il-planċier artistiku tal-banda kien iċ-ċentru t' attrazzjoni ġewwa l-pjazza. Għalkemm kien għad fadal ħafna xogħol xi jsir, il-panewijiet u l-pilastri kien miżbugħa u ndurati bl-iskultura u l-pittura, waqt li kien hemm ukoll tmien pilandri. Il-faċċata kienet magħquda fil-post mingħajr żebgħa u skultura imma bit-tmien pitturi fil-lok. Meta wieħed idur madwar il-planċier, kien jiċċassa bil-ġmiel ta' dan ix-xogħol għaliex kien stil uniku.

Immedjatment għaddiet il-festa, tlaqqgħet il-Kummissjoni, fejn ġiet ippreżentata lista tax-xogħol li kien fadal isir biex il-proġett ikun inawgurat fit-30 ta' Lulju 2008 kif ukoll lista ta' xi difetti li ġew skoperti waqt l-armar. Ġie ppreżentat programm proviżorju fejn il-kxif tal-planċier isir mis-Sur Ġużi Scicluna, President Onorarju u benefattur kbir ta' dan il-proġett flimkien mal-President tas-Soċjetà, u li l-ispejjeż ta' din l-attivitaċ jitħallsu bejn il-Kumitat Ċentrali u l-Kummissjoni. Dawn kienu ammontaw għas-somma ta' aktar minn Lm5,000.

Wara li Salvu Bugeja għamel mudell tal-biċċiet li hemm bejn il-kolonni li jżommu ir-railing tal- bronż tal-faċċata, dan intbagħat għand id-Domus Dei biex isiru sittax-il waħda tal-bronż. Salvu u Sacco komplew l-iskultura li kien fadal u lestew parti tan-nofs tal-faċċata li kienet kapolavur tad-disinjatur li dam jaħdem u jiskolpi fuqha aktar minn

xahrejn. Il-membri tal-Kummissjoni, Kumitat u helpers komplew bix-xogħol ta' xkatlar, żebgħa, illustrar tal-poġġamani u xogħol tad-dawl. Saru arranġamenti biex il-ħadid tal-planċier jintrama fil-pjazza għall-aħħar ta' Ġunju, jitpoġġa l-wiċċ u jinħadmu ir-risers u wara jigu miżbugħa.

F'Ottubru 2006 il-President għarraf lill-Kummissjoni li l-Kunsill Lokali kien bena maħżen taħt il-belveder li kien hemm fuq tal-Ħawli u kien lest li jikri parti minnu. Din kienet aħbar tajba, għaliex seta' jinġabar il-planċier kollu taħt saqaf wieħed minbarra l-pittura li sal-ġurnata tal-llum għadha tintrefa' fil-Każin. Ġie deċiż li l-President flimkien ma' Ġużi Scicluna jieħdu ħsieb it-trattattivi mal-Kunsill dwar din il-kirja. F'Novembru saret laqgħa mas-Sindku u Segretarja, l-President u s-Sur Ġużi Scicluna u Dr.Neville Camilleri, illum Imħallef, fejn ġie diskuss ftehim proviżorju bejn iż-żewġ partijiet u kellhom jikkonsultaw lill-kumitati rispettivi tagħhom qabel isir kuntratt formali. F'Diċembru kien hemm l-approvazzjoni tal-Kunsill, fejn il-punti prinċipali kienu li l-parti mikrija minn dan il-maħżen tkun magħluqa bl-aluminium li jitħallas mill-każin, filwaqt li l-Kunsill jieħu ħsieb jagħmel ċint tal-bricks, u installazjoni tad-dawl u ilma. Il-kera ta' Lm200 fis-sena tiġi riveduta kull tliet snin skont il-cost of living adjustment, u l-kirja tkun għal 10 snin bi klawsola ta' right of first refusal, filwaqt li ġewwa l-maħżen jitpoġġa armar relatat mal-planċier biss. Il-Każin ma jkollux ċavetta tal-bieb prinċipali tal-garaxx imma għall-ebda raġuni ma tista tiġi rifjutata meta mitluba. Il-kuntratt ġie ffirmat fit-8 ta' Jannar 2008 fl-uffiċċju ta' l-avukat Neville Camilleri, fejn għall-Każin deher il-President Lawrence V. Farrugia u s-Segretarju Noel Gauci.

Is-sena 2008 kienet impenjattiva ħafna għall-Kumitat u l-Kummisjonijiet biex ilestu dan il-proġett u jorganizzaw il-programm tal-inawgurazzjoni, iċ-ċelebrazzjonijiet tal-125 sena mit-twaqqif tas-Soċjetaċ u tlestija tax-xogħol li kien qiegħed isir f'Palazzo Huesca.

Iċ-ċelebrazzjonijiet bdew fit-18 ta' Lulju, fejn saru attivitajiet soċjali, wirja dwar l-istorja tas-Soċjetaċ, marċi mill-baned mistiedna u l-Banda Vittoriosan San Lawrenz, tnehid ta' double CD, tnehid tal-ktieb bl-istorja l-aktar dettaljata u rriċerkata tas-Soċjetaċ minn Anton Attard, kxif ta' rħama kommemorattiva ġewwa d-daħla prinċipali tal-Palazzo Huesca u riċeviment. Waslet il-ġurnata tant mistennija tat-30 ta' Lulju 2008, fejn il-poplu Vittoriosan ra titwettaq il-ħolma li l-Belt Rebbieħa jkollha planċier aristiku jakkumpanja l-armar sabiħ li għandna fil-pjazza ewlenija ta' Beltna.

Fost pjazza maħnuqa bin-nies, nfetaħ is-siparju waqt il-mixgħela tad-dawl, fanfarra, ħruq tan-nar, sunetti u titjir ta' bżieżaq, u dehra tal-planċier mimli daqs bajda bil-bandisti libsin l-uniformi eleganti li żżanznet għall-okkazjoni, filwaqt li ċ-ċapċip tal-pubbliku offra spettaklu mill-isbaħ. Dan il-planċier li huwa wieħed mill-akbar fil-kobor, huwa ġawhra ta' arkitettura li jagħmlu wieħed mill-isbaħ li hawn ġewwa gżiritna. Dan ġie mfaħħar mill-poplu Vittoriosan kif ukoll minn ħafna barranin li ġew apposta biex jaraw dan ix-xogħol. Sar iċ-ċentru tal-attrazzjoni ġewwa l-pjazza fi żmien il-festa, fejn eluf ta' turisti li jiġu tul il-ġranet tal-Festa jieħdu bosta ritratti.

Kien fadal isir leġiju għas-Surmast, li għalkemm konna ilna nghidu lid-disinjatur biex jagħmlu dan baqa' jittratjeni sakemm fl-aħħar feħem li ma jridx jagħmlu jekk ma naċċertawx li ma jiġix ikkupjat, għaliex huwa kien qed jagħmel l-almu tiegħu biex johloq disinn filwaqt li ħaddieħor kien qiegħed jikkupjalu xogħlu. Meta għadda ż-żmien u Salvu Buġeja miet, kellimna lil Renzo Gauci u dan tana disinn il-ġmiel tiegħu. Tkellimna ma' benefattur tas-Soċjetaċ u aċċetta li jħallsu u għalhekk ġie ordnat għand Sacco Woodworks għall-prezz ta' €7,500. Il-leġiju tal-ġewż mill-isbaħ ġie ppreżentat lis-Soċjetaċ fil-Kunċert li jsir ta' kull sena fis-7 ta' Awwissu 2014 mis-Sur Konrad Baldacchino.

Minn dan l-akbar proġett tas-Soċjetaċ li sewa madwar żewġ miljun ewro, wieħed jista' jieħu xi lezzjonijiet. It-twaqqif tal-kummissjoni planċier fuq l-esperjenza li kellna mill-Kummissjoni Ġimgħa Kbira, mmexxija mill-President tal-kumitat ċentrali, swiet ħafna biex kien hemm kontroll u ko-ordinazzjoni mal-Kumitat. Mhux possibli li ċertu deċiżjonijiet jistennew il-laqgħat tal-Kumitat; deċiżjonijiet fejn trid toqgħod tfiehem it-teknikalitaċ ta' dak li jrid isir qabel ma tittieħed deċiżjoni. Kien hemm deċiżjonijiet li kellhom jittieħdu fuq il-post tad-diskussjoni mal-kuntrattur. Kieku ma sarx hekk, il-proġett kien jipposponi ruħu bis-snin. Illum li kelli l-bżonn niffriska l-memorja biex inkun nista' nikteb dawn l-artikli, apprezzajt l-importanza li fil-laqgħat tal-Kummissjonijiet jinżammu minuti għaliex fil-minuti tal-laqgħat tal-Kumitat mhux possibli li ssib daqsekk dettal. F'dak il-perjodu, is-Soċjetaċ baqgħet għaddejja b'ritmu qawwi u l-Kumitat kellu ħafna xogħol ieħor.

Mill-esperjenza tiegħi fil-ħajja tax-xogħol u f'kumitati, dejjem issib xi ndividwi li biex jgħattu n-nuqqas tal-indifferenza u l-passivitaċ tagħhom, jesprimu kritika negattiva. Dan aħna affaċjajnih anke minn xi għaqdiet li donnhom ma ħadux pjaċir b'dik l-attivitaċ bla waqfien u l-entużjażmu li kien jeżisti fis-Soċjetaċ. Dan kollu ġie injorat u bqajna għaddejjin bl-istess ritmu.

Napprezza ħafna is-sapport li sibna minn ħafna li kienu ta' nkoraġġiment bil-ġenerożitaċ tagħhom, kif ukoll bis-sehem tax-xogħol tagħhom. Grazzi lil dawk kollha li tul iż-żmien tal-proġett għinu b'xi mod jew ieħor, lill-kaxxier tal-kummissjoni Emmanuel Attard kif ukoll lil Ġużi Scicluna, li kienu l-uniċi membri tal-Kummissjoni li baqgħu mill-bidu sal-aħħar.

# Minn Djar Modesti Għal Palazz Mill-Isbaħ - Lejn il-100 sena mix-xiri ta' Palazzo Huesca

***minn Anton Attard***

Tul iż-żmien kemm ilha wieqfa s-Soċjeta' tal-Palma, il-kumitati ta' tmexxija kienu ħerqana li jiksbu dar li tkun xierqa u komda għall-ħtiġijiet taż-żmien. Dan kien jiddependi minn diversi fatturi, bħal ma hi l-qagħda finanzjarja jew inkella jekk id-dar kinetx taqdi l-ħtiġijiet tal-banda u ta' l-għadd ta' soċji li kienu msehbin.

L-ewwel dar li kellha s-Soċjeta' wara li twaqqfet mill-ġdid bl-isem ta' *L'Unione* kienet f'dar f'*Nru.62 Strada Porta Maggiore*. (1) Aktarx li baqgħet f'din id-dar sa l-1888, għax meta l-Banda ssaħħet wara żmien ta' tiġdid, skond ir-rivista *Guida Generale di Malta* ta' l-1889, insibuha f'dar li kienet iġġib in-numru *9 Strada Piazzetta*. Hawn baqgħet biss sena jew tnejn, għax fir-rivista msemmija li ħarġet fl-1892, il-każin deher li kien iċċaqlaq għad-dar bin-numru. *3, Strada Dietro l' Quartiere*. Baqgħet hawn sa l-1898 għax kif ġie rrapurtat fl-istess rivista, fl-1899 kient marret f'dar ikbar, *Nru. 7, Pjazza Vittoriosa*. Hawn għamlet erba' snin, għax fl-1903 ġie reġistrat li marret fi *Strada Desain Nru 11*.

**Dar Akbar u Aħjar**

Fi żmien l-amministrazzjoni tal-President Dr.Roberto Bonello, tas-Segretarju Giuseppe Calleja u tal- Kaxxier, li dik il-ħabta kien il-Prokuratur Legali Alfredo Lucchese, biex titjieb il-kumdita' kemm għall-bandisti, li issa kienu żdiedu ġmielhom, kif ukoll tal-ħafna soċji li bdew jiffrekwentaw il-każin, id-dar fi Triq Desain ma baqgħetx addattata. Dan wassal biex fi tmiem l-1911 inkriet id-dar *Numru 40 Strada Brittanica*, (illum Triq Hilda Tabone) li magħha kellha wkoll mezzanin. Kienet ġiet deskritta bħala dar arjuża bi swali kbar. Inkriet minghand Clotilde, armla ta' l-imħallef Dr. Pasquale Mifsud, għal perijodu ta' erba' snin, b'dawn il-kundizzjonijiet:

1. Il-kera jkun ta' LM30 fis-sena flimkien mal-ħlas għall-konsum tal-gass u l-ilma.
2. Li d-dar tingħata lura lill-propjetarji f'kundizzjoni tajba.
3. Li ma jsirux olterazzjonijiet.
4. Xi bżonnijiet li jsiru jibqgħu fil-post.
5. Li jgħattu t-taraġ bl-injam.
6. Li ma ssir ebda sullokazjoni. (2)

Bil-kobor ta' din id-dar u l-kumdita' li kien hemm fiha, sar possibbli li, fil-bidu ta' Jannar 1912, is-*Societa' Mandolinistica Malta* tħalli l-*Casino San Lorenzo* u tingħaqad taħt saqaf wieħed mal-*Banda Duke of Edinburgh*. (3) Jidher li kienet qed taqdi l-ħtiġijiet mixtieqa, għax erba' snin wara, fl-10 ta' Diċembru 1919, il-kirja ġġeddet ghal erba' snin oħra. (4)

**Jinxtara l-Każin ta' 'llum**

F'nofs l-1922, l-amministrazzjoni tas-Soċjeta' tefgħet ħarsitha lejn palazz mill-isbaħ fil-pjazza u ftit wara seħħ wieħed mill-aktar passi għaqlin li qatt ittieħdu mid-diriġenti, meta nxtara l-każin ta' 'llum.

Dan il-palazz, mibni fl-1883, minbarra s-swali spazjuži, tolqot il-għajn il-faċċata majestuża fuq barra. Maħżuża bi stil użat bnadi oħra mill-arkitett magħruf Giovanni Bonavia, li jtik x'taħseb li jista jkun disinn tiegħu stess. Il-Perit Raymond Mahoney, f'wieħed mill-kontribuzzjonijiet li kiteb dwar il-Birgu, iqabbilha ma' wħud mill-palazzi famuži fuq il-*Gran Canal* ta' Venezia. (5), Ma' dan il-palazz, li kien iġib in-numri *10, 11 u 12 Piazza Vittoriosa,* kien hemm ukoll id-djar *Nru 5* u *6 Strada Libeccio*, Il-kuntratt tax-xiri kien sar għand in-Nutar Salvatore Cauchi ta' Bormla, fid-19 ta' Lulju 1922. Kien inxtara mingħand il-werrieta tan-neguzjant Michele Soler għas-somma ta' LM1500 (E.3495), li dik il-ħabta kienet somma konsiderevoli

Il-firmatarji għas-Soċjeta kienu il-Kaxxier Giovanni Gabrielli, l-Assistent Kaxxier Giuseppe Deraffaele, l-Assistent Segretarju Lorenzo Bonanno u l-bandist inkarigat mis-sala tal-kunċerti Publio Borg. Dawn kienu għamlu dan bis-setgħa mogħtija lilhom f'Seduta Ġenerali li saret mis-Soċji Propjetarji fid-29 ta' Gunju ta' l-istess sena. Il-mod ta' ħlas kellu jkun billi s-somma ta' LM1000 (E2330) titħallas mill-fondi tal-Każin, u l-LM500 (E1165) l-oħra kellhom jissellfuhom, b'imgħax ta' 5%, mingħand Giovanni Spiteri, neguzjant mill-Birgu residenti Hal Qormi. (6)

Kien sogru għas-Soċjeta li tidħol għal dak il-piż meta s-sitwazzjoni ekonomika f'Malta ma kinetx kif wieħed jixtieq. Kienu għamlu tajjeb għal din in-nefqa ġemgħa ta' soċji li waqqfu bejniethom dik li sejħu *Societa d'Aiuto*. Din l-Għaqda kienet taħt il-presidenza ta' Dun Manwel Borg, kappillan tal-każin. Kellu miegħu lil Lorenzo Bonanno bħala segretaru u lil Giovanni Cachia bħala kaxxier. Dawk li ssieħbu, fost kundizzjonijiet oħra, taw garanzija bil-miktub li jikkontribwixxu xelin (E .12c) fil-ġimgħa għal żmien 4 snin, biex jekk il-Każin, wara l-4 snin li fihom intrabat li jrodd lura d-dejn mas-Sur Spiteri, ma jkunx f'qagħda li jagħmel dan, jintużaw il-fondi miġbura minnhom billi jisilfuhom lill-każin mingħajr imgħax.

Ma setax ikun li l-każin ma' jiġix bżonn l-għajnuna tas-

*Societa' d'Aiuto*. Minbarra l-prezz għoli li tħallas għax-xiri tat-tlett idjar, saru spejjeż oħra għat-tibdil strutturali li kien hemm bżonn biex il-post jingieb kompatibbli mal-ħtiġijiet tal-frieghI kollha tas-Societa'; jigifieri l-Banda, l-orkestra tal-mandolini *Malta*, il-kumpannija drammatika *Alfieri* u magħhom il-kumdita tas-socji. Dan it-tibdil ġibed ix-xhur. Il-każin, bid-dehra ġdida tiegħu, ġie inawgurat fil-festa ta' San Lawrenz ta' l-1923, tlettax-il xhar wara li nxtara. Avveniment li ġie f'għeluq is-60 sena mill-ewwel programm li għamlet il-Banda, wara ż-żmien ta' riorganizzazzjoni tagħha, meta għamlet l-ewwel ħarġa tagħha fil-Festa tas-Salib iċċelebrata fil-Knisja ta' Ġieżu, il-Belt, fl-1886. Bħala tifkira ta' dik l-okkażjoni, l-Assistent Surmast Paċifku Scicluna kien għamel programm fil-pjazza minn banda ffurmata minn allievi tiegħu li ħarġu jdoqqu dik is-sena.

Kien hemm il-ħtieġa wkoll li l-każin il-ġdid ikun mobbiljat**.** Sa l-1925 kienu ġa saru l-vetrini tas-sala ta' fuq, il-ġardiniera u l-vetrina ta' l-arkivju, xogħol l-imgħallem Ġużeppi Axiaq fuq disinn ta' Manwel Buhagiar, li kien għamel ukoll l-iskultura. Għadd ta' żgħażagħ, ammiraturi tal-Banda rregalaw ċentru għal nofs is-sala prinċipali. Kien sar mill-imgħallem Ruffini, bid-disinn u l-iskultura jieħu ħsiebhom mastru Manwel Buhaggiar ukoll**.** Dawn kollha għadhom fis-swali tal-każin, wara li ġew restawrati mill-imgħallem u bandist Giovann Pisani.

Minkejja l-prezz li kellu jitħallas għall-fondi msemmija u l-ispejjeż li saru għal mobbilja, sat 18 ta' Lulju 1926, id-dejn kien tħallas kollu. Tant hu hekk li nsibu li l-President tal-Każin, Dr.Giovanni Calleja u l-Kaxxier Giovanni Gatt kienu raddew lura lil Dun Manwel Borg u lil Giovanni Cachia, President u Segretarju rispettivament tas-*Societa' d'Aiuto*, l-aħħar pagament ta' LM50 (E.116) tas-somma ta' LM400 (E.932) kienu li sselfu fid-19 ta' Lulju 1922. (7)

Forsi kien għalhekk li f'dak il-perijodu, biex jitħallas id-dejn u aktar tard biex tissaħħaħ il-qagħda finanzjarja tas-Soċjeta', bdew isiru ħafna fieri bil-parteċipazzjoni tal-Banda fil-bitħa ta' l-Armerija u aktar tard fil-grawnd tal-Fortini. L-entratura għal dawn il-fieri, li kienu jkunu mifruxin fuq jumejn, kienet tkun żewġ soldi u nofs (E 0.04) fil Hdud u nhar ta' Sibt kienet tkun mingħajr ħlas.

**Wara l-Gwerra**

Kif kien riesaq tmiem il-gwerra, dawk il-Vittoriosani li darhom baqgħet shiħa, ftit ftit, bdew ġejjin lura lejn belthom u l-każin reġa' beda jkun iffrekwentat mill-ġdid. Biex seta' jseħħ dan, kif ikkonferma Benedetto Dalmas, mertu mhux żgħir kellu David Vella, il-kaxxier, li kien silef lis-Soċjeta' Lm76 (E 177) biex saru xi tiswijiet kawżati mill-gwerra u l-manutenzjonijiet meħtieġa wara telqa ta' aktar minn sentejn. Mertu għandhom ukoll Anton Bellia, Gużeppi Gabriele, Lorenzu Costantino u Ġużeppi Spiteri, li ħadmu bla heda biex il-każin beda jiffunzjona bħal qabel il-gwerra. (8)

Imnalla li wħud mill-membri tal-kumitat ma baqgħux jaħsbuha bħal ma kienu għamlu sentejn qabel bdiet il-gwerra. Waqt din il-manutenzjoni il-każin ħelisha mill-isfreġju li, b'nuqqas ta' għaqal, probabbilment kien ser jgħaddi minnu qabel bdiet il-gwerra. Ir-raġuni kienet li f'Seduta tal-Kumitat li kienet saret f'April ta' l-1938 kien hemm min ippropona li jitqabbad ċertu Gużeppi Vella biex titbajjad jew tinżebagħ il-faċċata ta' barra. Proposta oħra, illi kieku twettqet kienet tirrovina 'l-każin estetikament, kienet li tissaqqaf il-bitħa. (9)

**Tiswija u Tisbiħ**

Dar kbira bħal din, minn żmien għal ieħor, kienet tinħtieġ diversi xogħlijiet. Uħud sfurzati mill-ħtieġa u oħrajn riżultat ta' xewqet is-soċji li jaraw li l-każin jissebbaħ kemm jista jkun.

Apparti l-olterazzjonijiet li kienu saru fl-imgħoddi, kmieni fl-1969 tqanqlet xewqa persistenti biex il-każin jissebbaħ bl-aktar mod possibbli. F'Laqgħa tal-Kumitat li saret fis-16 ta' Marzu ta' dik is-sena, xi membri svelaw li kien hemm diversi soċji u ammiraturi li xtaqu li l-ewwel indana tat-taraġ tinkesa bl-irħam. Dawn kienu lesti li jikkontribwixxu individwalment il-prezz li tiswa l-kisja ta' tarġa. Il-Kumitat approva din il-proposta u nħatret kummissjoni għal dan il-għan komposta minn Amabile Galea, Joseph Zammit Naro u Francis Gatt, li kien għadu kif ġie lura mill-Awstralja. Dawn ħadmu sħiħ, għax wara ftit jiem infurmaw lill-kumitat li x-xogħol għal 25 tarġa kien stmat li ser jiswa LM170 u ġa kienu nstabu 22 kontributur.

Minħabba t-tliet tarġiet li kien jonqos jingabru, billi s-sitwazzjoni finanzjarja tal-każin ma kenitx kif wieħed jixtieq, il-kumitat ma kienx lest joħroġ il-kumplament. Iżda l-membri tal-Kummissjoni ddikjaraw li jekk ma jsibux aktar konribuituri, dak li kien jonqos kienu lesti li jagħmlu tajjeb għalih huma. (10) Iżda ma kienx hemm ħtieġa għal dan, għax meta tlestiet l-ewwel indana, din tant intgħoġbot li nstabu aktar kontribuituri biex tinkesa l-indana l-oħra. Bħala rikonoxximent, kienu tqiegħdu żewġ lapidi ta' rħam b'ismijiet il-kontribuituri fil-kurutur għas-sala prinċipali. Sadanittant, instabu aktar fondi biex inżebgħu mill-ġdid il-ħitan tat-taraġ, il-Bar, il-gallerijiet u l-aperturi kollha.(11) L-inawgurazzjoni ta' dan il-proġett saret fit-28 ta' Diċembru. Kien tbierek mill-Arċisqof Gonzi u wara l-Banda għamlet programm fil-pjazza. (12) Dan it-tisbiħ seħħ sentejn qabel il-50 anniversarju mix-xiri ta' dan il-palazz. Għalhekk kulmin żar il-każin waqt li kienu qed isiru ċ-ċelebrazzjonijiet marbutin ma' dak l-anniversarju, seta jammira l-progress f'dan ix-xogħol ta' tisbiħ.

L-ammont enormi ta' xogħol li sar f'Palazzo Huesca tul dawn l-aħħar ħamsin sena huwa impossibbli li tniżżlu f'artiklu. Min jaf forsi bħalma nkitbet l-istorja tas-Soċjeta tista wkoll tingabar fi ktejjeb l-istorja ta' dan l-isbaħ Palazz fil-Belt Vittoriosa.

**Referenzi**

1. *Malta,* 7 Maggio 1885.
2. Atti Nutar E. Saydon ta' l24 ta' Ottubru 1911.
3. *Is-Salib,* 27 ta' Jannar 1912.
4. Atti Nutar Giov. Chapele, 10 ta' Dicembru 1919.
5. R. Mahoney, *Secular Architecture, Birgu- A Maltese Maritime City,* Vol.II, p.454.
6. Ark. Not. Nutar Salvatore Cauchi, Vol.95/175, ff. 1600-1622.
7. Ibid, Vol. 106A/715, ff. 1564-1573.
8. *Minuti tal-Laqgħa Ġenerali.* 27 ta' Frar 1944 (Relazzjoni Dalmas)
9. *L.K.* 6 ta' April 1938.
10. *Ibid,* 17 ta' April 1969.
11. *Ibid*, 4 ta' Settembru 1969.
12. *Ibid,* 2 ta' Diċembru 1969.

# Tagħrif mill-Kċina

*minn MaryRose Gauci*

## *MENU MINN MADWAR ID-DINJA – SQALLIJA*

## GĦAĠIN ALLA NORMA

***Ingredjenti:***
Brunġiela mqatta' f'dadi
2 mgħaref żejt taż-żebbuġa
Bżar u melħ
2 sinniet tewm imqattgħin fin
Mgħarfa purè tat-tadam
Bott polpa
Ftit inbid aħmar
Kuċċarina zokkor
Kuċċarina ħxejjex aromatiċi Taljani niexfa
10 cherry tomatoes
3 mgħaref żebbuġ iswed imqatta'
Irkotta niexfa *(ricotta salata)* maħkuka
200g għaġin tal-gosti tieghek

***Metodu:***
Ibda billi ssaħħan iż-żejt f'taġen kbir u qalli l-brunġiel għal 10 minuti biex jirtab. Ħawwar tajjeb bil-bżar u l-melħ, imbagħad qalli t-tewm għal 2 minuti. Itfa' l-purè tat-tadam u kompli sajjar għal 2 minuti. Issa itfa' ftit inbid aħmar, iz-zokkor, il-ħxejjex Taljani u l-polpa. Baxxi n-nar u kompli sajjar għal 5 minuti. Itfa' c-cherry tomatoes u ż-żebbuġ iswed imqatta' u kompli sajjar għal 5 minuti oħra. Biex isservi, imla żewġ platti fondi bl-għaġin u itfa' z-zalza tal-brunġiel fuqu. Ferrex l-irkotta u żejjen il-platt bil-weraq tal-ħabaq frisk u bi ftit żejt.

---

## INVOLTINI TAL-PIXXISPAD

***Ingredjenti:***
200gr frak tal-ħobż
Sinna Tewm mqatta' rqiq
2 mgħaref tursin imqatta' rqiq
Mgħarfa kappar
Mgħarfa meraq tal-lumi
Melħ u bżar
500gr pixxispad mqatta' rqiq
100ml żejt taż-żebbuġa
70gr ġobon provolone imqatta' dadi

***Metodu:***
Saħħan il-forn 200°C/gas mark 6. Iksi dixx bil-karta strazza. Ġo taġen żgħir fuq nar baxx, qalli l-frak tal-ħobż, ħawwad il-ħin kollu biex ma jinħaraqx. Neħħi minn fuq in-nar u żid mieghu t-tewm, tursin, kappar, meraq tal-lumi, bżar u l-melħ. Ħawwad kollox sew.
Għaddi l-pixxispad miż-żejt taż-żebbuġa, daħħalhom fit-taħlita tal-frak tal-ħobż, fuq żewġ naħat, u imbagħad itfa' biċċa ġobon provolone u dawwar il-pixxispad madwar il-ġobna. Daħħal skewer min-naħa għall-oħra biex ma jinfetħux.
Aħmi l-pixxispad għal għoxrin minuta, sakemm il-frak tal-ħobż jieħu lewn dehbi u l-ġobon jinħall.

---

## KEJK CASSATA

***Ingredjenti:***
1.5 kgs irkotta
Pane di spagna
Marzipan aħdar
Konfettura
200gr biċċiet taċ-ċikkulata
500gr zokkor

***Metodu:***
Ħawwad u ħaddem tajjeb l-irkotta maz-zokkor, sakemm tiġi qisha krema. Żid il-konfettura u l-biċċiet taċ-ċikkulata.
Aqta l-pane di spagna f'biċċiet irqaq. Iksi reċipjent tal-kejkijiet bil-karta strazza u iksi l-qiegħ u l-ġnubijiet bil-pane di spagna. Il-pane di spagna tista' wkoll ixxarraba bi ftit xorb li tiggosta. Ferra t-taħlita tar-rikotta u ppressa kemm jista' jkun l-isfel ħalli tiġi magħquda. Fil-wiċċ erġa' iksi bil-pane di spagna u tħallix truf jidhru. Għalaq il-karta strazza u ħalli fil-fridge anki għal ġurnata. Wara aqlibha rasha l-isfel fuq platt, u iksi bil-marzipan aħdar. Żejjen bil-konfettura, ċirasa u ċikkulata mdewba.

# Claude Debussy

***jikteb Christopher Pisani - Arkivista***

Bil-mod il-mod, irnexxielna naslu għall-ewwel erbgħa ta' San Lawrenz. Għaxar ġimgħat jistgħu jidhru twal, imma aħna l-Lawrenzjani nafu li mal-ewwel erbgħa, ż-żmien igerbeb malajr wisq. Filli qed indoqqu l-mota tal-ewwel erbgħa, filli wasal il-jum tal-ewwel jum tan-novena, l-Antiviġilja u malajr lejlietu u l-jum tant għażiż għalina tal-10 t'Awwissu. Il-pandemija ġabet il-jiem fix-xejn; ġranet twal u monotoni. Imma f'dawn il-jiem, demmna jbaqbaq lejn Lorenzu tagħna. Is-sensazzjoni tal-festa li issa waslet, qiegħda bil-mod tkisser din il-monotonija, u tibdilha fi stennija għall-10 t'Awwissu. Għax San Lawrenz mhux statwa. San Lawrenz mhux qaddis bħall-oħrajn. San Lawrenz huwa emozzjoni fina li jġiegħel lid-demm ibaqbaq.

Il-kompożitur li ser niltaqgħu miegħu f'din il-ħarġa huwa kompożitur li ġibed lejh ammirazzjoni kbira u anke irnexxielu jinfluwenza numru kbir ta' kompożituri oħrajn bil-mużika tiegħu. Claude Debussy twieled fit-22 t'Awwissu tal-1862 ġewwa Saint-Germain-en-Laye, Seine-et-Oise. Kien l-ewwel iben ta' Manuel-Achille Debussy u martu Victorine Manoury. Missieru kellu ħanut, iżda ma tantx kellu suċċess. Dan wassal lill-familja Debussy biex imorru Pariġi fl-1864 fejn hemm sab xogħol ġo fabbrika tal-pubblikazzjoni.

Ta' 9 snin, Debussy beda juri li kellu fih talent fil-pjanu, tant li kien inkorraġġat minn Madame Maute de Fleurville biex imur jistudja mal-ħabib tagħha Frederic Chopin. Dan it-tagħlim mingħand Chopin wassal lil Debussy biex fl-1873 jidħol jistudja ġewwa l-konservatorju tal-mużika ta' Pariġi. Hemmhekk, huwa studja il-pjanu kif ukoll il-kompożizzjoni. Ta' min jgħid li fis-sena 1884, Debussy rebaħ il-*Grand Prix de Rome* bix-xogħol tiegħu *L'Enfant prodigue*. Kompożituri famużi oħrajn li diġaċ rajna fil-ħarġiet preċedenti u li ukoll rebħu dan l-unur huma, Ambroise Thomas, Charles Gounod, Georges Bizet, u Theodore Dubois.

Il-bidu ta' Debussy ma kienx xi wieħed faċli. Filli qed jgħix mal-ġenituri tiegħu fil-poverta f'wieħed mill-irħula foqra 'l barra minn Pariġi, u filli mar taħt il-patroċinju tas-sinjura Russa, Nadezhda Filaretovna von Meck, li talbitu jingħaqad biex idoqq magħha u mat-tifla tagħha filwaqt li dar l-Ewropa magħha u sab ruħu jgħix ġo palazzi lussużi ferm. Kuntrast ieħor kellu jkun dak fejn f'Pariġi, Debussy inħabb ma' kantanta sinjura, Blanche Vasnier, li kienet ukoll il-mara ta' arkitett. Insibu lil Debussy f'pożizzjoni fejn Vesnier kienet l-ispirazzjoni ta' diversi siltiet mużikali li iżda ma setax jesprimi l-imħabba tiegħu kif xtaq. Waħda mis-siltiet famużi tiegħu ta' dan il-perjodu hija bla dubju Clair de lune.

Bħala rebbieħ tal-*Grand Prix de Rome*, Debussy ingħata (bħal kull rebbieħ ieħor) l-opportunitaċ li jgħix f'Villa Medici ġewwa Ruma għal tliet snin. Iżda ġara li bħal ħafna ta' qablu li rebħu dan it-titlu, Debussy telaq lura lejn Pariġi wara sentejn minħabba li ħassu 'l bogħod mill-ambjent tiegħu.

Il-kompożizzjonijiet tiegħu bdew jintgħoġbu sew, tant li sar kompożitur ta' fama. Jidher li l-fama tiegħu ġibdet numru ta' ammiraturi, fosthom ammiraturi li kienu miġbudin mhux biss lejn il-mużika tiegħu, iżda anke lejn il-karattru tiegħu. Jingħad li kien hemm numru ta' nisa li kienu miġbudin bis-serjetaċ lejn Debussy, fosthom, Gabrielle Dupont li saħansitra heddet li tagħmel suwiċidju jekk ma jurihiex wiċċ. L-ewwel mara tiegħu Rosalie Texier, li kienet ħajjata u li żżewweġ fl-1899, sparat lilha nnifisha, iżda l-isparatura ma kinitx fatali. Bħalma jiġri fid-drabi fejn ikun hemm din il-passjoni intensa ta' ammirazzjoni, l-artist nnifsu jispiċċa wkoll ibagħti minn ħsibijiet mhux daqstant feliċi.

Mil-lat mużikali, Debussy seta' kien influwenzat minn diversi kompożituri kbar oħrajn, fosthom Richard Wagner, Aleksandr Borodin, u Modest Mussorgsky. Minn din l-influwenza, Debussy kiteb il-poema sinfonika *Prelude a l'apres-midi d'un faune* fl-1894. Xogħol ieħor ta' influwenza huwa *La Damoiselle elue*. Fl-1902, insibu lil Debussy jippreżenta l-ewwel opra tiegħu *Pelleas et Melisande*.

Fl-1095, Debussy iddeċieda li jiddivorzja lil Rosalie Texier, u jiżżewweġ lil omm it-tifla illeġittima tiegħu Emma Bardac. Il-furur u l-arja tqila li ġab dan id-divorzju ġieħel lil Debussy imur jgħaddi xi żmien ġewwa Eastbourne, l-Ingilterra. Hemm kiteb lil bintu suite għal-pjanu bl-isem ta' *Children's Corner* fl-1908.

Għadda ż-żmien, u Debussy beda jevolvi l-istil mużikali tiegħu sal-punt fejn il-linja bejn xogħol klassiku u xogħol stramb u surreali kien irqiq ferm. Xogħolijiet ta' dan it-tip jinkludu *Cello Sonata* u *Freres en art*. Dawn l-ideat wasslu lil Debussy biex anke jikteb u jippubblika xi poeżiji kemm xejn anarkiċi, li aktar tard

immużikahom f'ċiklu ta' kanzunetti bl-isem ta' *Proses lyriques*. Dan l-istil kompla jevolvi f'Debussy, tant li issa kien wasal f'punt fejn saħansitra għalih, l-istrumenti ma kellhomx għalfejn jimxu mar-regoli tradizzjonali. Dan jidher biċ-ċar fl-aħħar xogħolijiet tiegħu *En blanc et noir* u *Douze Etudes*. Dan l-istil li issa Debussy kien addotta, kien il-bidu għall-kompożituri oħrajn li komplew fejn ħalla hu. Partikolarment Igor Stravinsky u Bela Bartok.

Fl-1908, fuq invit ta' Gabriel Faure, Debussy ingħata post fil-kunsill tal-konservatorju ta' Pariġi. Wieħed mill-kompożituri li kien jikkritika ferm lil Debussy kien Camille Saint-Seans. Kien jikkritikah għall-istil tiegħu ta' kompożizzjoni. Iżda dan ma kienx l-unika problema f'daż-żmien għal Debussy. Fl-1915, Debussy għadda mill-ewwel intervent primitiv tal-kolostomija minħabba kanċer li kien qiegħed ibgħati minnu. Dan wassal biex fil-25 ta' Marzu tal-1918, Debussy miet f'daru waqt l-attakki kontinwi tal-Ġermaniżi fl-ewwel gwerra dinjija. Iċ-ċerimonja tal-funeral ma setgħetx tkun waħda daqshekk mistħoqqha lejn kompożitur tal-fama tiegħu. Il-purċissjoni tal-funeral għaddiet minn toroq vojta waqt attakk fuq il-belt, u waslet lil Debussy għal ċimiterju temporanju f'*Pere Lachaise*. Sena wara, ġie trasferit ġo ċimiterju żgħir f'*Passy* qalb numru ta' siġar kif dejjem xtaq hu li jindifen.

Minn qalbi, nixtieq nagħti l-festa t-tajba lil kulħadd. J'Alla din il-festa, tkun kif tkun, tkun ta' ferħ għalina l-Vittoriosani u devoti tal-kbir Lorenzu. Viva l-Banda San Lawrenz, il-Banda tal-Birgu! Viva San Lawrenz, Padrun tal-Belt Rebbieħa!

# Slaleb kull fejn tħares

***Kitba ta' George Agius***

F'Marzu ta' din is-sena ħabat l-450 sena minn meta l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, ittrasferixxa il-Kunvent tiegħu mill-Birgu lejn il-Belt Kapitali l-ġdida Valletta. Fil-ktieb dwar l-Istorja tal-Ordni ta' San Ġwann miktub minn Giacomo Bosio insibu deskrizzjoni dettaljata ta' dak li seħħ f'jum it-trasferiment. Fl-ewwel parti ta' dan l-artiklu se nislet xi tagħrif minn dak li kiteb dan l-awtur aktar minn erba' mitt sena ilu u nġibu għall-attenzjoni tagħkom.

**Mill-Birgu għall-Belt**

Dan it-trasferiment sar il-Ħadd 18 ta' Marzu 1571. Dakinhar, il-Granmastru Pietro del Monte mexa proċessjonalment mill-Palazz Maġisterjali tiegħu fil-Birgu lejn il-Knisja Konventwali ta' San Lawrenz. Huwa kien akkumpanjat mill-membri kollha tal-Kunsill, flimkien ma' għadd ta' kavallieri ta' kull grad. Mal-wasla tagħhom fil-knisja, il-Gran Prijur Fra Antonio Cressino mexxa pontifikal solenni. Wara li ntemmet il-quddiesa kantata, mill-bieb prinċipali tal-knisja bdiet ħierġa purċissjoni mmexxija mill-Gran Prijur Cressino liebes bl-abiti pontifikali u bir-relikwa tal-Vero Lignum f'idejh. F'din il-purċissjoni ħadu sehem ukoll il-kappillani, id-djakni u saċerdoti tal-Ordni, li bdew ikantaw u jinvokaw talb lill-Ispirtu s-Santu. Warajhom mexa' l-aktar kavallier anzjan tal-lingwa ta' Alvergna, iġorr l-istandard tal-Ordni segwit mill-Granmastru del Monte. Imbagħad imxew il-Gran Croce, tnejn tnejn skont il-preċedenza u warajhom il-membri l-oħra tal-Ordni skont il-grad. Ġemgħa kbira ta' nies segwit din il-purċissjoni spettakolari u kkulurita. X'ħin waslu x-xatt tal-Birgu, il-Granmastru u dinjitari oħra tal-Ordni telgħu fuq il-Galera Capitana mżejna għall-okkażjoni, filwaqt li l-kavallieri l-oħra tqassmu fuq galeri oħra li lkoll kienu armati kif jixraq. Id-daqq tat-trombi u l-isparar tat-tiri komplew iżidu mal-atmosfera festiva ta' dak il-jum. Mal-wasla fil-Belt Valletta saru ċerimonji oħra li komplew jimmarkaw dan il-jum speċjali li fih sar it-trasferiment tal-Kunvent tal-Ordni mill-Birgu għall-Belt Valletta.

*Il-frontuspizju tal-ktieb ta' Giacomo Bosio dwar l-istorja tal-Ordni*

**Ir-Rabta tal-Birgu mal-Ordni**

Minkejja dan it-trasferiment lejn il-Belt Valletta, ir-rabta tal-Ordni mal-Belt marittima tal-Birgu ma waqfitx mat-tmiem tal-kunvent fl-1571. Il-preżenza tagħhom fil-Birgu baqgħet kostanti u b'saħħita għal aktar minn 200 sena oħra, sa ma sfaw imkeċċija minn Napuljun Bonaparte fl-1798. Mhux il-ħsieb tiegħi li noqgħod nelabora kif din ir-relazzjoni baqgħet għaddejja bejn l-1571 u l-1798. Nixtieq nuri biss kif illum, 450 sena wara li l-kavallieri ittrasferew il-kunvent mill-Birgu għall-Belt, l-impatt tal-kavallieri fil-Birgu għadek tarah b'għajnejk u tmissu b'idejk. Din is-sensazzjoni tinħass imqar waqt passejn fit-toroq dojoq u b'ħarsa ħafifa lejn il-bosta palazzi, djar u knejjes li nsibu f'din il-Belt. Bla ebda dubju, fost l-aktar postijiet fil-Birgu li għandhom rabta mal-Ordni ta' San Ġwann insibu l-Knisja ta' San

*Il-Granmastru Pietru del Monte*

# Soċjetà Mużikali San Lawrenz

## *Belt Vittoriosa*

Lawrenz li għal 41 sena serviet bħala Knisja Konventwali tal-istess Ordni. Huma ħafna l-opri tal-arti marbuta mal-kavallieri li din il-knisja sa llum għadha tipposjedi. Iżda naħseb taqblu miegħi, li s-salib ta' tmien ponot huwa l-aktar simbolu sinonimu mal-Ordni li nsibu f'din il-knisja. Kull fejn thares, minn barra u minn ġewwa ħlief slaleb tal-kavallieri ma tarax.

**Is-Salib tal-Kavallieri**

Is-Salib ta' tmien ponot beda' jintuża bħala simbolu tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann fil-bidu tas-seklu 14. Dan is-salib oriġinarjament kien assoċjat mad-dukat ta' Amalfi u jirrapreżenta wkoll it-tmien Beatitudnijiet. Is-salib tal-Kavallieri kif nafuh illum deher għall-ewwel darba fl-1567 fuq munita tar-ramm ta' żmien il-Granmastru Jean Parisot de Valette. Maż-żmien dan is-salib beda jisejjaħ ukoll is-Salib ta' Malta. Dawn li ġejjin huma l-oġġetti jew il-postijiet fil-knisja, li tul is-sena kollha naraw fuqhom is-salib tal-kavallieri. Oġġetti oħra bħalma huma l-Mazza Kapitulari, fided, ventartali, sopra leġiji u oħrajn, li ma jkunux esposti fil-knisja tul is-sena kollha mhux qed ninkludihom hawn.

**Il-Koppla**: Fil-Koppla mibnija fuq disinn tal-Professur V.R. Galea u inawgurata fl-1954, insibu għaxart islaleb tal-kavallieri. Dawn jinsabu kif ġej: wieħed tal-bronż fuq il-quċċata tal-lanterna, tmienja oħra fit-twieqi li nsibu fit-tambur tal-koppla u l-ieħor jagħmel parti mill-arma araldika tal-Arċipriet Carmelo Busuttil li qiegħda fil-pittura tal-koppla li turi r-Rebħa tal-Assedju l-Kbir. Il-pittura tlestiet fl-2021 u hija xogħol l-artist Manuel Farrugia.

**Il-Faċċata tal-Knisja:** Mal-faċċata maestuża tal-knisja nsibu żewġ islaleb tal-kavallieri. Dawn huma dak tal-bronż li jinsab fuq il-frontispizju, li ġie irrestawrat u mqieġħed f'postu mill-ġdid fil-11 ta' Ġunju 2021. Is-salib l-ieħor huwa dak li jagħmel parti mill-arma araldika tal-Arċisqof ta' Malta pro tempore, li tinsab fuq il-Bieb prinċipali tal-Knisja.

*It-twieqi tal-koppla bis-salib tal-Kavallieri*

**Il-Kor:** Fis-saqaf tal-kor insibu mpittra żewġ islaleb tal-kavallieri; wieħed jagħmel parti mill-emblema tal-Ordni Sovran ta' San Ġwann u l-ieħor parti mill-arma araldika tal-Arċisqof Mikiel Gonzi iben il-Belt Vittoriosa. Meta Giuseppi Cali lesta l-pittura ta' dan is-saqaf fl-1898, dawn l-armi ma kienux hemm. Dawn żdiedu minn Rafel Bonnici Cali, waqt li kien qed jirrestawra l-pittura tas-saqaf fl-1954.

**It-Twieqi :** Fl-erbatax-il tieqa li hemm dawramejt fis-sekonda ordni, nsibu s-salib tal-kavallieri jispikka fin-nofs tagħhom fuq ħġieġ safrani.

**Il-Volta tal-Korsija:** Maġenb it-twieqi li hemm

*Is-slaleb tal-konsagrazzjoni tal-Knisja*

fis-sekonda ordni tal-korsija, fuq in-naħa tal-kappella tas-sagrament insibu żewġt islaleb tal-kavallieri mpittra fl-ilbies tal-Gran Mastri Pietro del Ponte u Claude de la Sengle. Faċċata tagħhom, fuq in-naħa tal-bieb tal-ġenb insibu erba' Granmastri oħra li fuq ħwejjiġhom għandhom ukoll is-salib tat-tmien ponot. Dawn huma Juan d'Omedes, Jean l'Eveque de la Cassier, Pietro del Monte u Hugh Loubnx de Verdalle.

**Il-Volta tal-Kappellun tal-Karità:** Maġenb it-twieqi li hemm fis-sekonda ordni ta' dan il-kappellun, insibu sitt islaleb tal-kavallieri. Dawn jinsabu kif ġej: tnejn fuq is-sider tal-Granmastri Emmanuel Pinto de Fonseca u Emmanuel de Rohan Polduc (fuq l-altar tat-Trinità), żewġt islaleb oħra fuq l-ilbies tal-Granmastri Marc'Antonio Zondadari u Raymond Perellos y Roccaful (fuq in-nava), filwaqt li t-tnejn l-oħra qegħdin fuq l-ilbies ta' sorijiet tal-Ordni liebsin il-kukulla u li qed jirrafiguraw il-virtujiet tal-Fidi u tal-Karità (mal-ġnub tat-tieqa li hemm fuq l-altar tal-Madonna tal-Karità).

**Il-Volta tal-Kappellun tal-Kunċizzjoni:** Maġenb it-twieqi li hemm fis-sekonda ordni ta' dan il-kappellun, insibu erbat islaleb tal-Kavallieri. Dawn jinsabu kif ġej: tnejn fuq l-ilbies tal-Granmastri Antoine Manoel de Vilhena u Raymond Despuig, (fuq in-nava) u tnejn fuq l-ilbies ta' sorijiet tal-Ordni liebsin il-kukulla li qed jirrafiguraw il-virtujiet tal-Manswetudni u tal-Fortitudni (Mal-ġnub tat-tieqa li hemm fuq l-altar tal-Madonna tal-Kunċizzjoni).

**Il-Presbiterju:** Fuq il-lemin u fuq ix-xellug tal-paviment tal-presbiterju, naraw żewġt islaleb tal-kavallieri magħmulin minn irħam abjad fuq sfond iswed. Id-disinn tal-irħam tal-art sar wara l-gwerra, minn Rafel Bonnici Calì u nħadem mid-ditta Maltija Ignazio Bonavia Marble Works. Fuq il-parti ta' isfel tal-artal mejda, maħdum fil-bidu tas-snin tmenin mill-artist Vittoriosan Lawrence Briffa insibu żewġ slaleb oħra. Wieħed huwa interzjat, filwaqt li l-ieħor jagħmel parti minn ornament tal-injam.

**Il-Pilastri:** Fuq il-pilastri maġġuri u dawk tal-korsija li nksew bl-irħam diasporo rosso perlato fis-sena 1913, insibu ħdax-il salib tal-kavallieri. Dawn is-slaleb jissejħu tal-konsagrazzjoni għaliex jimmarkaw il-post fejn kien sar id-dlik biż-żejt waqt il-konsagrazzjoni tal-knisja mill-Isqof ta' Malta Monsinjur Gori Mancini fl-24 ta' Ottubru 1723.

**Il-Mafkar tal-Papa:** Dan il-mafkar tal-irħam jinsab

mal-pilastru ta' maġenb il-kappella tas-sagrament. Dan sar biex ifakkar għeluq il-mitt sena mit-twelid tal-Papa Ġwanni Pawlu II u tletin sena mill-miġja tiegħu fil-Parroċċa tal-Birgu. Fuq dan il-mafkar insibu żewġt islaleb tal-kavallieri, wieħed fil-quċċata u l-ieħor fl-isfond tal-arma araldika tal-Arċipriet Kan Karm Busuttil li hu l-benefattur ta' dan il-mafkar.

**Il-Kappella tas-Sagrament:** Mal-ġnub tal-kanċell tal-Kappella tas-Sagrament li sar fl-1957 mid-ditta Cantone ta' Catania, hemm żewġ kolonni tal-irħam. Fuq kull waħda minnhom naraw is-salib tat-tmien ponot. Fil-kappella nsibu salib ieħor li jagħmel parti mill-Arma tal-Kolleġġjata li hemm skolpita fuq il-bankun (sedji) tal-injam li jinżamm fl-istess kappella.

**Il-Lapida tal-Kolleġġjata:** Fuq din il-lapida kommemorativa li hemm mal-pilastru ta' maġenb il-kappella tas-Sagrament insibu xejn anqas minn sitt islaleb. Dawn jinsabu kif ġej: Waħda fl-isfond tal-l-arma tal-Kolleġġjata, tnejn jagħmlu parti mill-armi araldiċi tal-Arċisqof Charles J. Scicluna u tal-Arċipriet Karm Busuttil. Ieħor fuq is-salib pettorali tal-kanonċi tal-Birgu u l-ieħor jagħmel parti mill-insinja tal-Kappillani Konventwali tal-Ordni. L-aktar wieħed li jispikka huwa dak il-medaljun ta' għamla tonda bis-salib abjad fuq sfond iswed. Din il-lapida kommemorativa saret mill-marmista Ronald Pisani fl-2020 fl-okkażjoni tal-biċentinarju mit-twaqqif tal-Kolleġġjata.

**Il-Lapida tal-Kardinal:** Fuq din il-lapida kommemorativa li hemm mal-pilastru ta' maġenb in-niċċa ta' San Lawrenz insibu żewġt islaleb; wieħed fl-isfond tal-arma tal-Kolleġġjata u l-ieħor parti mill-arma araldika tal-Kardinal Prospero Grech iben il-Belt Vittoriosa. Din il-lapida kommemorativa saret mill-marmista Ronald Pisani fl-2012.

**In-Niċċa u l-Bankun:** Fuq is-saqaf tan-niċċa tal-vara ta' San Lawrenz insibu salib tal-kavallieri maħdum fl-injam. Mal-Bankun tal-istatwa insibu żewġ slaleb oħra tal-injam li jagħmlu parti mill-armi araldiċi tal-Granmastri L'Isle Adam u De Vallette.

**Il-Lapida ta' tifkira:** Maġenb in-niċċa ta' Santa Katerina, hemm lapida li saret biex turi s-sogħba tal-Kavallier Giovanni Lanfranco Ceba minn Ġenova għat-telfa tal-ħabib tiegħu Julius De Elia fl-1610. Fuq l-arma araldika li hemm fuq din l-irħama naraw parti mis-salib tal-kavallieri.

**Il-Monument tal-Martirju:** Fuq il-monument li jfakkar l-1750 sena mill-martirju ta' San Lawrenz, xogħol il-marmista Ronald Pisani fl-2008, insibu salib wieħed fl-isfond tal-arma tal-Kolleġġjata.

*Is-salib fuq il-monument taċ-Ċentinarju tal-Parroċċa*

**Il-Lapida tal-miġja tal-Istatwa:** Fuq l-irħama li twaħħlet fuq barra, maġenb il-bieb tal-ġenb u l-kampnar, nsibu s-salib tal-kavallieri fl-isfond tal-arma tal-Kolleġġjata. Din l-irħama saret fl-2019 biex tfakkar il-75 sena anniversarju mill-miġja lura tal-Istatwa ta' San Lawrenz wara li ntemmet il-Gwerra fl-1944.

**Il-Monument taċ-Ċentinarju:** Fuq dan il-monument li sar minn Ronald Pisani fl-1990, biex ifakkar id-disa' mitt sena mit-twaqqif tal-Parroċċa tal-Birgu, insibu s-salib tal-kavallieri fuq tarka tal-irħam.

**Konklużjoni**

Dawn huma l-wieħed u tmenin salib tal-kavallieri li jien osservajt fil-Knisja ta' San Lawrenz. Ma neskludiex li seta qabiżli xi wieħed u nieħu gost li jekk xi ħadd jinnota aktar, jiġbidli l-attenzjoni. Dawn il-81 salib huma xhieda ta' kemm in-nies tal-Birgu matul is-snin, ma nsew qatt ir-rabta li din il-knisja dejjem kellha mal-Ordni tal-kavallieri ta' San Ġwann. B'wiċċna minn quddiem nistgħu ngħidu li din ir-rabta għadha qawwija sal-lum. Ma kinitx kumbinazzjoni li meta ttieħdet id-deċiżjoni li l-koppla terġa' titpitter, l-għażla tas-suġġett għal darb'oħra kellu jkun ir-Rebħa tal-Assedju l-Kbir tal-1565. Jidher li din id-deċiżjoni kienet l-aktar waħda naturali.

Bibliografija:
Giacomo Bosio, Dell'Istoria della Sacra Religione et Illustrissima Militia di San Giovanni Gierosolimitano (Parte Terza). 1602
Kan. Anton Zammit Gabarretta, The Church of the Grand Masters and Inquisitors. Veritas Press 1974.

*Is-salib fl-irħam tal-presbiterju*

# Wiċċ imb'wiċċ ma' Edmea Farrugia

*minn Paul Micallef*

Il-fraži 'wara raġel ta' suċċess hemm mara' smajniha kemm-il darba u kważi saret 'cliché' peroċ ħafna drabi din tiġri tassew. F'ċerti każi tkun mara li forsi ma tkunx daqshekk viżibbli u ġieli anke ma tidhirx, bħad-dell tagħna, iżda tkun hemm u ħafna drabi insibuha meta l-iktar li tkun meħtieġa. Għalkemm forsi mhux xi kolonna fl-istatura fiżika peroċ monument tal-irħam samm ta' Carrara f'dik li hija rieda, reżiljenza, sapport u forsi l-iktar li tispikka l-valuri sodi bbażati fuq il-fidi qawwija kif imrawwma fit-trobbija tajba tagħha.

B'umiltaċ ma stajtx insib ftuħ aħjar għall-artiklu tiegħi minn din l-introduzzjoni biex niddeskrivi l-persuna li se ninterviżta. Fil-fatt hija l-ewwel mara li qagħdet għall-iskrutinju tiegħi (u tagħkom) f'din ir-rubrika. Kif ġejt infurmat hija l-ewwel membru femminili li kellha s-soċjetaċ tagħna fil-kotba tagħha, wara l-emendi li saru fl-istatut fl-1998 biex is-soċjetaċ tagħna issir iktar inklussiva u anke tadatta ruħha ma' dawk u dawn iż-żminijiet. Il-persuna li qed nirreferi għaliha hija Edmea Farrugia li hija l-mara tal-ex President u President Onorarju tal-banda tagħna Lorry Farrugia. Naturalment hija wkoll omm Simon, Segretarju u l-editur ta' din in-newsletter.

**Appuntament**

Intant, wara li għamilt il-kuntatt ġejt mistieden sabiex niltaqgħu fiddar fejn toqgħod ma' Lorry fi Triq il-Kunvent il-Birgu fis-7.00pm. Irraġuni ta' dan il-ħin kienet li bħala koppja u bħala ritwal, xhieda talfidi soda tagħhom, Lorry u Edmea jmorru ta' kuljum il-quddies filparroċċa tagħna. U kif ftehmna fis-7.00pm bum, filwaqt li jien kont wara l-bieb rajthom tilgħin tlikki tlikki qishom għadhom jibdew jinnamraw (ma nafx jekk kinux ukoll lambrazetta) biex jilqgħuni f'darhom għal din l-interviżta. Lorry u Edmea jafuni sew u ħejjewli plattini mimlija bil-crips, galletti u anki karawett u biex inbill griżmejja birra friska. Insomma ħassejtni qisni l-Ħadd filgħodu, drawwa li bejn minħabba l-pandemija u bejn deċiżjoni tiegħi, għalkemm kontra qalbi u żaqqi peroċ favur saħħti, ili li qtajt.

Ftaħt il-laptop, ġebbidt daqsxejn subgħajja bħala warming up u … għalina Pawl.

**Isem Uniku**

L-ewwel mistoqsija li nistqarr ilha tberren f'moħħi għal snin iżda bejn għal raġuni jew oħra qatt m'għamilt, kienet minn fejn l-imniefaħ ġie l-isem ta' Edmea, li naħseb hu l-uniku wieħed f'Malta. Edmea weġbitni li hi ssemmiet għat-tifla tal-kuġina ta' ommha li hija taljana u li kienu jgħixu ġewwa Ruma. Xorta kellha problema fil-magħmudija minħabba li skont l-użanza ta' dak iż-żmien, ridt bilfors issemmi għal xi qaddis/a jew il-Madonna u ħekk il-parrini qablu li jinkludu Marija bħala l-ewwel isem.

**Familja**

Edmea twieldet fl- 4 ta' Marzu 1939 fi Triq San Filippu, il-Birgu meta hu ovvju li t-tħambiq, it-tmaħin u t-theddid ta' Adolf u Benito kienu diġaċ bdew jidwu fl-Ewropa u beda jnissel il-biża' ta' gwerra kif fil-fatt seħħ. Missierha kien jismu Andrew u ommha Doreena xebba Grech, it-tnejn mill-Birgu. Missierha l-ewwel kien daħal fitter apprentice ġewwa t-tarzna ta' Malta u meta spiċċa l-apprenticeship ingħata s-sensja minħabba policy tal-Gvern Ingliż. Resaq għall-eżami tad-dwana, għadda u beda l-karriera tiegħu fid-dwana fejn spiċċa bħal senior officer tad-dwana. Oriġinarjament il-familja Pace kellha 5 ulied li huma Edmea, il-kbira, John li miet ta' 5 xhur, Odilia li mietet ta' sena u xahrejn, u Charles u Laura, l-aħħar tnejn li bħal Edmea għadhom mimlija bl-għomor.

**Exodus mill-Birgu**

Bħal maġġoranza tal-familji fil-Birgu, sakemm l-attakki kienu ġejjin mit-Taljani bil-famuża '*coraggio fuggiamo',* il-Vittoriosani bil-ftit u bil-ħafna baqgħu f'Belthom, peroċ l-istorja inbidlet kif daħlu fix-xena l-istucas Ġermaniżi. Għax hekk wara l-jum infami tas-16 ta' Jannar tas-sena 1941, fil-famuż attakk fuq l-aircraft carrier l-Illustrious, il-familja Pace, li dak iż-żmien kienet għadha twieldet biss Edmea, refgħu il-ftit li kellhom f'soror u rħewla lejn ix-Xgħajra ta' Ħaż-Żabbar. Hemm huma għal ftit żmien qagħdu f'mezzanin tal-qraba tagħhom. Meta irrealizzaw li xorta kienu fil-periklu, marru ma' familja fil-pjazza tal-Mosta. Aktar tard, il-familja Pace sabet dar eżattament ħdejn l-Oratorju, fejn hemm twieled ħu Edmea, Charles, u baqgħu hemm sakemm spiċċat il-gwerra.

**Tifkiriet tal-Gwerra**

Kif nagħmel dejjem, x'ħin ikolli lil xi ħadd li jaf jiftakar il-gwerra, staqsejt lil Edmea dwar x'tiftakar f'dawk iż-żminijiet. Hi qaltli li tiftakar li meta kienu l-Mosta, quddiemhom kien hemm waħda li kienet tagħmel il-ħelu u tiftakar li kienet tilgħab ma' bintha f'kamra vojta. Tiftakar ukoll tmur it-tagħlim tad-duttrina il-mużew.

# Soċjetà Mużikali San Lawrenz
## *Belt Vittoriosa*

Edmea kompliet tgħarrex fil-memorja u qaltli li tiftakar li meta kien jmorru l-iskola, malli jisimgħu l-ħoss qerriedi tal-ajruplani, ta' tfal li kienu, kienu jitgeddsu mbeżżgħin ma' xulxin għax fil-Mosta kienu viċin l-ajrudom ta' Ta' Qali. Tiftakar ukoll li darba kif daqq air raid, marru jiġru għax-xelter u n-nannu tagħha li kien baqa' fit-taraġ ratlu ħafna demm ma' saqajh għaliex kienet waqgħet bomba fil-viċin u ntlaqat minn biċċa splinter. Ħekk għalkemm telqu mill-Birgu sabiex itaffu mill-periklu, xorta fil-fatt kienu fil-periklu!
Hi tiftakar ukoll li xi drabi kienu jinżlu l-Birgu biex jaraw jekk id-dar kinitx għadha wieqfa jew spiċċat borġ knatan.

**Lura l-Birgu**
Meta bdiet tittaffa l-qilla tal-gwerra, fis-sena 1944 irritornaw lura l-Birgu u marru lura fid-dar f'nru 31 Triq San Filippu li fortunatament skansat il-bombi tal-għadu u ma weqgħetx. Staqsejtha fuq il-Birgu mdamdam bil-bombi u Edmea weġbitni li tiftakar il-pjazza imwaqqa', munzelli tal-ġebel u terrapien, it-torri tal-arloġġ nofsu mwaqqa' u l-biċċa li kien fadal donna waslet biex taqa', kien hemm spiżerija u aktar 'il quddiem każin tal-football, ħanut tal-ħwejjeġ u ieħor tat-te u nbid. Munzell ġebel kull fejn tħares u filgħaxija kważi dlam ma' kullimkien. Insomma ħerba sħiħa.

**Tentattiv għal ħajja normali**
Għalkemm forsi f'xenarju iktar drammatiku, il-Maltin (u anke l-bnedmin kollha) wara l-gwerra, bħalma qed nippruvaw nagħmlu aħna wara l-pandemija, bdew jippruvaw mill-aħjar li setgħu jirritornaw għall-ħajja normali. U l-familja ta' Edmea ppruvat tagħmel l-istess. Hawn Edmea semmietli li kienet għamlet il-praċett fil-parroċċa ta' San Lawrenz u ommha tgħidx kemm tħabtet biex issibilha biċċa drapp ħalli jħitulha libsa. Għax dak iż-żmien u għal bosta snin wara, l-użanza kienet li jixtru biċċa drapp u l-ħajjat jew ħajjata tagħmillhom libsa għall-okkażjoni. Xi ħaġa li anke fi żmieni kienet għadha issir. Edmea kompliet u qaltli li l-griżma għamlitha Bormla u l-parrina tagħha kienet zijitha Henriette. Ir-raġuni li għamlitha Bormla kienet li dak iż-żmien minħabba nuqqas ta' tfal, il-griżma ma kinitx issir kull sena fil-Birgu u biex ma titlifx sena, kienu għamluhielha Bormla.

**Żogħrija u Żogħżija**
Bħala skola hi bdiet tmur f'dik tal-gvern li dak iż-żmien kienet f'dik li kienet tissejjaħ 'armerija'. Wara bħala skola sekondarja kienet tmur bil-private is-St. Joseph ta' Raħal Ġdid.
Meta staqsejtha jekk qattx kellha xi praspura l-iskola hi weġbitni fin-negattiv u b'ton sinċier hi kompliet 'Jien kont tifla kwieta' u ħekk kif jgħidu l-Ingliżi *'that says it all*!'.
Edmea bħal tfal oħra kienet tmur il-mużew tal-bniet tal-Birgu sabiex tagħmel il-griżma. Wara kif bdiet titfarfar kienet tattendi l-azzjoni kattolika li dak iż-żmien kienet f'dar fi triq Nestru Laiviera mmexxija mill-assistent ekkleżjastiku Dun Karm Djaknu.
Bħala ħruġ mhux bħal-lum imorru lejn Paceville, ma tarax! Iżda dawn kienu joqogħdu l-Birgu u … isimgħuha din ... kienu jmorru għand is-sorijiet tal-Karmnu u kienu jdawrulhom il-films. Niftiehmu, ta' Charles Chaplain kienu tafux! Biex mhux xi ħadd jiġih xi ħsieb ieħor!

Kif Edmea u sħabha kibru daqsxejn oħra, kienu jazzardaw u jmorru sax-Xgħajra ta' Bormla għax dak iż-żmien kienet popolari ħafna u kienet tkun miżgħuda bin-nies. Fis-sajf kienu jmorru jgħumu t-toqba. Kienu wkoll imorru jaraw xi drammi bil-Malti fl-Azzjoni Kattolika tal-irġiel li kienet fid-dahla ġewwa triq Desain li aktar 'il quddiem twaqqgħet biex infetħet triq il-Kardinal. Meta l-Azzjoni Kattolika marret fil-bidu ta' Triq La Vallette, ġiet attrezzata sala fejn kull nhar ta' Sibt u Ħadd kienu jdawru films miġjuba mill-Kummissjoni Films tal-Knisja li xorta kienu jerġgħu jiġu ċċensurati mill-Assistent Ekkleżjastiku Dun Lawrenz Micallef.
U waqt dawn il-films kienet iltaqgħet ma' dak li kellu jkun żewgha u missier uliedha – Lorry, li dak iż-żmien kien President tal-Azzjoni Kattolika taż-Żgħażagħ. T'etaċ żgħira, ta' 15-il sena, bdew jinnamraw b'sikkatura kbira. Dħul id-dar f'ċertu ħin, u ħin kien ifisser ħin għax inkella issib il-bieb imbarrat bi stanga tal-ħadid!
Tant kellhom għajnejn fuqhom li darba Missier Edmea kien mar isib lil Lorry u widdbu biex ma jtellifx lil Edmea fl-istudji tagħha li kienet qed tagħmel. Nistgħu ngħidu li n-namur tagħhom kien ta' ftit ħin kuljum għaliex Lorry kellu l-istudju tiegħu ukoll u aktar 'il quddiem kien inħatar membru fil-Kunsill Nazzjoni taż-Żgħażagħ tal-Azzjoni Kattolika. Fil-fatt, wara Edmea daħlet taħdem bħala skrivana ma' Farsons fejn damet 4 snin sakemm iżżewġet.

**Għerusija, Żwieġ u Residenzi**
Wara ħames snin jinnamraw, huma tgħarrsu biċ-ċrieket jitbierku mill-mibki Dun Pawl Camilleri. Sentejn wara fit-2 ta' Lulju 1961 huma żżewġu fil-parroċċa tagħna minn idejn Patri Pawl Spiteri li kien il-provinċjal tal-Agostinjani. Dan Dun Pawl kien il-kuġin ta' omm Lorry. Bħala riċeviment, huma għamluh fil-Maxims Hall fi Triq Żakkarija, l-Belt Valletta. Waqt li bdejna niddiskutu din il-parti tal-ħajja ta' din il-koppja, Lorry ġabli l-album tat-tieġ tagħhom sabiex insaħħaħ mil-lat viżwali dak li kont qed nikteb fuq it-tastiera tal-kompjuter tieghi. L-ghada tat-tieġ bdew l-avventura tal-vjaġġ ta' qamar il-għasel tagħhom ta' datax-il ġurnata ġewwa l-Italja u Franza, fejn ħadd minnhom ma' kien għadu ħareg barra minn Malta ħlief sa Għawdex. Edmea tirrakkonta li kif waslu Napli bl-ajruplan tal-iskrejjen u marru bit-taxi fiċ-ċentru ta' Napli għal ftit ħin, kienu ċċassaw jaraw dak l-istorbju, trams, ħornijiet u l-ammont ta' traffiku. Għalkemm tul il-ħajja tagħhom esperjenzaw ħafna safar, dik l-ewwel safra baqgħet memorabbli ħafna għaliex qatgħu x-xewqa prinċipali tagħhom li għall-ewwel darba raw ir-relikwija tar-ras qaddisa ta' San Lawrenz fir-relikwarju privat tal-Papa bl-għajnuna ta' Patri Prosperoċ Grech, li dak iż-żmien kien

kappillan tal-Kappella Sant' Anna u għall-ewwel darba żaru wkoll is-Santwarju tal-Madonna ta' Lourdes.

Wara li żżewgu, il-koppja friska Farrugia marru joqogħdu f'dar fil-pjazzetta San Filippu. Sena wara, marru joqogħdu għal 10 snin f'dar fi Triq il-Kardinal (fejn wara mar joqgħod Twanny Gauci bil-familja). Wara xtraw post fi Triq San Mikiel il-Fgura u hemm għexu 44 sena. Erba' snin ilu iddeċidew li jixtru post u jirritornaw lura l-Birgu u llum joqogħdu fi Triq il-Kunvent.

**Familja**

Minn dan iż-żwieg twieldet Stephanie fit-2 ta' Ottubru 1962 li llum hi miżżewġa lil Mark Bugeja, joqogħdu n-Naxxar u għandhom tifla Emma li għandha 17-il sena. It-tieni wild hu Simon li twieled f'lejlet il-Milied fl-24 ta' Diċembru 1967. Illum Simon hu miżżewweġ lil Elaine u għandhom tifel Daniel li llum għandu 11-il sena u bħal missieru beda jitgħallem il-kurunetta. U meta nerġgħu naraw lill-banda tagħna tferrah it-toroq tagħna, żgur li daqt naraw lil Daniel idoqq l-ewwel noti qawwija u mill-isbaħ tal-innu marċ popolarissimu ta' Giuseppe Frendo.

Minħabba li fin-natura tax-xogħol tiegħu fit-tarzna, Lorry kien isiefer ta' spiss, kif ukoll minħabba l-involviment tiegħu kemm fil-każin u għal ħafna snin fil-festa u f'ħafna xogħol ieħor tal-volontarjat, ħafna mir-responsabbiltaċ tat-trobbija tal-familja waqgħet fuq Edmea fosthom l-edukazzjoni tat-tfal.

Minkejja dan, hi kienet tgħin ukoll fix-xogħol tal-każin fl-attivitajiet u f'kull ma' kien ikun hemm bżonn. Tajjeb ngħidu li Edmea kienet bdiet tħit u anke saret ħajjata tajba u għalhekk Lorry kien jagħtiha ħafna affarijiet tal-każin fosthom purtieri kif ukoll il-covers tas-siġġijiet u covers kollha għax-xogħol kollu tal-planċier.

Meta staqsejtha jekk kinux ikomplu jitkellmu fuq il-każin id-dar minħabba l-involviment ta' Lorry u anke wara ta' Simon, Edmea wieġbet li din kienet naturali li d-diskussjonijiet kienu jkomplu speċjalment waqt l-ikel. Hawn jien ġbidtilha l-attenzjoni kemm forsi kemm-il darba hija sofriet fil-kwiet meta żewġha kien ikun involut f'xi deċiżjoni jew f'xi inkwiet. Saħansitra hi semmiet inċident fejn anke kien hemm attakk fiżiku li seta' kellu konsegwenzi ferm koroh peroċ li fortunatament spiċċa b'wiċċ il-ġid għal Lorry u Edmea.

Issa li Lorry m'għadux daqshekk attivament involut fil-każin, għalkemm għadu jkun preżenti fiżikament u iżjed moralment jew għal xi parir siewi, sabu iktar ħin igawdu l-kumpanija ta' xulxin sakemm il-Mulej jagħtihom is-saħħa u l-għomor.

**Preferenzi**

Bħas-soltu staqsejt lil Edmea xi tħobb tagħmel. "Ix-xogħol tal-ħjata kien għal qalbi ħafna u kont naqra u nitgħallem biex noħrog l-aħjar xogħol l-aktar meta kont għadni nrabbi t-tfal kif ukoll għalija u għall-familja". Hi tħobb ħafna s-safar u kellha l-okkażjoni li ddur ħafna postijiet fid-dinja inkluż l-Amerika u l-Awstralja imma l-aktar post li tħobb huwa l-Italja u Lourdes. Innutajt kemm tħobb l-affarijiet taljani, mill-ikel, muzika, kif ukoll televiżjoni l-iktar La 5 kif ukoll l-istazzjon tal-Vatikan TV 2000.

Bħala għeluq staqsejtha fuq il-festa tagħna li hi ddeskriviet bħala 'festa kbira'. Dwar il-Birgu hi weġbitni li sfortunatament il-popolazzjoni tista' tiddeskriviha bħala *ageing population* u minħabba f'hekk saret iktar diffiċli biex jinstabu nies għall-kumitati. Dwar il-każin hi wieġbet li b'sodisfazzjon, minkejja li Lorry m'għadux President wara numru kbir ta' snin, l-affarijiet baqgħu sejrin fid-direzzjoni t-tajba.

Hawn ikkonkludejt l-interviżta tiegħi, raddejtilhom il-ħajr filwaqt li awgurajtilhom dak li tixtieq qalbhom.

**Ħsibijiet konklussivi**

Jien u nieżel għall-karozza bdejt naħseb bejni u bejn ruħi. Kos, kemm hi aktar serena l-ħajja u kemm ukoll tista' tasal iktar għall-għanijiet tiegħek speċjalment f'għaqdiet ibbażati fuq il-volontarjat meta jkun hemm l-għajnuna u s-sapport ta' dik li aħna nsejħu '*the better half*', il-mara jew il-partner. Kemm hu ferm aħjar milli gdiedem, garr u anke forzi ta' reżistenza għall-kariga impenjattiva u ta' responsabbiltaċ li raġel jokkupa f'kumitat milli s-sapport mhux biss morali iżda anke wkoll fix-xogħol. U dan jgħodd preċiż għal Edmea fir-relazzjoni tagħha ma' żewġha Lorry li kemm għal ħafna snin hu kellu karigi għolja fix-xogħol tiegħu, fil-Kumitat tal-festa u iktar fis-Soċjetaċ tagħna. Forsi qatt ma rajniha f'xi ritratt ta' preżentazzjoni jew imwaħħal fis-sala prinċipali tal-palazz tagħna, peroċ kienet tkun hemm anke meta l-membri kollha tal-kumitat kienu jdabbru rashom id-dar. Kienet is-sostenn dejjiemi u nista' nżid li forsi kellha sehem kbir f'dak li rnexxielu jagħmel Lorry tul il-kariga tiegħu.

Inżid ukoll li hi kienet strumentali wkoll sabiex wieħed minn uliedha, filwaqt li kompla l-istudju tiegħu li wasslu għall-impjieg tajjeb, rawmet fih imħabba għas-soċjetaċ tagħna tant li kompla fuq il-passi ta' missieru u llum qed jokkupa l-kariga ta' segretarju tas-soċjetaċ tagħna.

U ta' dan f'isem il-membri u s-sostenituri tal-Banda tagħna, Edmea, inroddlok ħajr. Peroċ mhux biss. Nappella li bl-eżempju tiegħek tixpruna lil nisa, għarajjes u partners ta' dawk li senza interessi tant jaħdmu bil-qalb għall-għaqdiet tagħna speċjalment dawk marbuta mal-festa tagħna biex huma wkoll ikunu l-ispalla għall-irġiel (jew nisa) tagħhom. Hekk biss nistgħu nkomplu niggarantixxu futur sod għal dawn l-għaqdiet ibbażati fuq il-volontarjat.

Grazzi Edmea.

**Kun ġeneruż fil-ġabra li ssir mis-Soċjetà Mużikali San Lawrenz matul il-ġranet tal-Festa.**
**L-għotja tiegħek tkompli tgħin sabiex inkomplu nkabbru isem is-Soċjetà u l-Banda tal-Birgu.**
**Grazzi mill-qalb.**

AKKADEMJA
MUŻIKALI
MIS-SOĊJETÀ MUŻIKALI SAN LAWRENZ
FL-OKKAŻJONI TAL-INAWGURAZZJONI
TAL-PROĠETT TAL-PITTURA U
D-DEKORAZZJONI TAL-KOPPLA
TAL-KNISJA PARROKKJALI U KONVENTWALI
TA' SAN LAWRENZ, BELT VITTORIOSA
IL-HADD L-1 T'AWWISSU 2021 | 7.30PM
SEGWUNA
LIVE

# hsbc.com.mt

2380 2380

HSBC

Approvat u maħruġ mill-HSBC Bank Malta p.l.c., 116, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT1444

MIFSUD GARAGE LTD.

IRONMONGERY

Għal dak kollu li wieħed ikollu bżonn għad-dar

*56, La Vallette Street, Vittoriosa*

*Tel: 2180 7535*

BOV PERSONAL LOANS

THE CHOICE
IS ALWAYS YOURS

All loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from the Bank. The term of the loan must not go beyond retirement age.

More information is available from **www.bov.com** or contact **2131 2020**.

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

Breakaway Travel
Blacktown

George Vella
Managing Director

94 Cnr Main & Campbell Street
BLACKTOWN NSW 2148
PO Box 27, BLACKTOWN NSW 2148

**Tel:** 02 9622 7799
**Fax:** 02 9671 6706
**Mobile:** 0408 079 246
**Email:** gvella@breakawaytravel.com.au

*Proud to be associated with the Committee of the St Lawrence Band Club, Vittoriosa, Malta*